MALTA
INLESTU GĦALL-FUTUR

# DISKORS TAL-BAĠIT 2018

**EDWARD SCICLUNA**
MINISTRU GĦALL-FINANZI

Ministeru għall-Finanzi

# Diskors tal-Baġit

# 2018


L-Onor. Prof. Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi
Malta

9 ta' Ottubru, 2017

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi,
Triq Nofsinhar,
Il-Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25 99 82 59
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-pubblikazzjoni**

**Malta.** *Ministeru għall-Finanzi*
Diskors tal-Baġit, 2018 / Edward Scicluna.
Valletta : Ministeru għall-Finanzi, 2017

ISBN: 978-99957-58-23-3

1. Baġit – Malta
I. Titlu II. Edward Scicluna

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22 00 17 00

Mitbugħ fl-Stamperija tal-Gvern
Prezz: €2.00

WERREJ

1. INTRODUZZJONI ... 1
1.1 Il-Qagħda ekonomika u finanzjarja ... 4
1.2 Tbassir tal-andament tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi ... 9
2. TQASSIM TAL-ĠID ... 14
2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja ... 14
2.2 Żieda ta' ġurnata oħra ta' leave ... 14
2.3 Aġġustament għall-impjegati li jitħallsu l-Paga Minima ... 15
2.4 Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem ... 16
2.5 Żieda fil-pensjonijiet ... 16
2.6 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet ... 17
2.7 Pensjonanti tas-Servizz ... 18
2.8 Għotja ta' €300 fis-sena ... 18
2.9 Bolol imħallsin minn pensjonanti li jaħdmu ... 18
2.10 Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi ... 19
2.11 Government Savings Bonds għall-pensjonanti ... 20
2.12 Ex-gratia payment ... 20
2.13 Tnaqqis ta' VAT dovut minn Azjendi Żgħar u Medji ... 20
2.14 Allineament tas-sisa għall-vireg tal-ħadid ... 21
2.15 Nikkumbattu l-evażjoni fiskali ... 21
2.16 Inkomplu nnaqqsu l-faqar u d-dipendenza soċjali ... 21
2.17 Estensjoni tal-iskema tal-In-work Benefit ... 22
2.18 Tapering tal-benefiċċji ... 22
2.19 Community Worker Scheme ... 23
2.20 Titjib fl-Allowance Miżjud għall-Carers ... 23
2.21 Rimbors ta' spejjeż għal adozzjoni ta' tfal minn barra l-pajjiż ... 24
2.22 Allowance għal Iltima ... 24
2.23 Żieda tal-Foster Care Allowance ... 25
2.24 Għajnuna għal romol li jaħdmu ... 25

2.25 L-ammont ta' manteniment imħallas ma jibqax jitqies bħala dħul ... 25
2.26 Għajnuna għal persuni milqutin mill-vizzju tad-droga ... 26
2.27 Aktar djar għal persuni b'diżabilità ... 26
2.28 Residenza San Vinċenz de Paule ... 27
2.29 Kura fit-tul għall-anzjani ... 28
2.30 Ċentru Sigur għaż-Żgħażagħ Bniet ... 28
2.31 Supportline 179 ... 28
3. IL-HOUSING U S-SUQ TAL-PROPRJETÀ ... 32
3.1 Housing Soċjali u Housing Affordabbli ... 32
3.2 Housing Soċjali ... 32
3.3 Sussidju tal-Kera ... 33
3.4 Nikru biex nassistu ... 34
3.5 Għajnuna biex residenzi mhux użati jitranġaw għal skop ta' housing soċjali ... 34
3.6 Postijiet tal-Gvern battala mikrijin għand anzjani ... 35
3.7 Social loans biex ngħinu aktar persuni jsiru sidien ta' darhom ... 36
3.8 Installazzjoni ta' liftijiet fi blokki tal-Gvern jew l-Awtorità tad-Djar ... 36
3.9 Riġenerazzjoni tal-Oqsma tad-Djar ... 37
3.10 Housing affordabbli - White Paper ... 37
3.11 First-Time buyers ... 39
3.12 Tnaqqis fit-taxxa tal-boll għal Second-Time Buyers ... 40
3.13 Skemi ta' rifużjoni ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr ... 41
3.14 Proprjetà vakanti f'UCA ... 41
3.15 Inċentivi għal xiri ta' proprjetà f'Għawdex ... 41
3.16 Faċilitajiet ta' Equity Release ... 42
3.17 Fidi ta' Ċnus ... 43
4 NINDIRIZZAW L-INFRASTRUTTURA NEĊESSARJA BIEX TONQOS IL-KONĠESTJONI FIT-TOROQ ... 44
4.1 Twaqqif ta' Aġenzija ... 45

4.2 Bidu ta’ tnedija tal-proġetti ta’ toroq ............ 46
4.3 Trasport Pubbliku ............ 48
4.4 Tal-Linja Card b’xejn ............ 48
4.5 Trasport kollettiv b’xejn lejn u mill-iskola għall-iskejjel Indipendenti u tal-Knisja ............ 49
4.6 Car-pooling ............ 49
4.7 Għotja fuq xiri ta’ roti, roti tal-elettriku (pedelec bicycles) u muturi. 50
4.8 Rata baxxa tal-VAT fuq kiri ta’ roti ............ 50
4.9 Share the Road maċ-ċiklisti ............ 50
4.10 Investiment f’mezzi ta’ trasport alternattiv ............ 51
4.11 Inċentivi għal xiri ta’ vetturi aktar idonji għall-ambjent ............ 51
4.12 Skemi Oħrajn ............ 52
4.13 Taxis li jkollhom aċċessibbilità għal siġġu tar-roti ............ 52
5. NINVESTU FL-AMBJENT ............ 53
5.1 Separazzjoni ta’ Skart ............ 53
5.2 Skemi għall-ġbir ta’ skart organiku u konteni turi tax-xorb ............ 54
5.3 Twaqqif ta’ Ambjent Malta ............ 54
5.4 Aktar Siġar ............ 55
5.5 Enerġija u Ilma ............ 55
5.6 Enerġija ............ 56
5.7 Ilma ............ 58
6. INSAĦĦU l-KOMPETITTIVITÀ ............ 60
6.1 Nisfruttaw l-opportunitajiet li se ġġib magħha l-Brexit ............ 60
6.2 Strateġija għat-teknoloġija tal-Blockchain ............ 60
6.3 Sostennibbilità fis-settur tal-gaming ............ 61
6.4 Turiżmu ............ 62
6.5 Is-settur tal-Manifattura ............ 63
6.6 Tisħiħ tas-Settur Farmaċewtiku ............ 65
6.7 Programm ta’ Ċittadinanza b’Investiment ............ 66

6.8 Inkomplu ninvestu f'Għawdex ........ 66
6.9 Inkomplu naħdmu biex tonqos il-burokrazija ........ 68
6.10 Offset ta' ħlasijiet tal-pagamenti ........ 69
6.11 Formoli tas-Sigurtà Soċjali u VAT Returns On-Line ........ 69
6.12 Titkompla r-Riforma fil-Qrati ........ 69
6.13 Riforma fil-LESA ........ 70
6.14 Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż ........ 71
6.15 Faċilitajiet korrettivi aktar umani ........ 72
7. GĦAL ĦAJJA AĦJAR ........ 73
7.1 Insaħħu l-edukazzjoni għal uliedna ........ 73
7.2 Inkomplu ninvestu fl-għalliema ........ 73
7.3 L-Edukazzjoni u x-Xogħol ........ 73
7.4 Edukazzjoni Inklussiva ........ 74
7.5 Eżamijiet bla ħlas ........ 75
7.6 Erba' skejjel ġodda ........ 75
7.7 Suġġetti vokazzjonali u applikati ........ 76
7.8 Servizzi ġodda fl-iskejjel ........ 76
7.9 Teknoloġija fl-edukazzjoni ........ 77
7.10 Apprendistat ........ 77
7.11 Inħeġġu aktar individwi jkomplu b'kors post-graduate ........ 78
7.12 Servizz Klabb 3-16 ........ 79
7.13 Iż-Żgħażagħ ........ 79
7.14 Is-Saħħa u l-Kura Primarja ........ 79
7.15 Mediċini, trattamenti u prevenzjoni ........ 80
7.16 Estensjoni tas-servizz tal-IVF ........ 81
7.17 Inizjattivi koperti mill-ftehim bejn il-Gvern u l-Vitals Global Healthcare ........ 82
7.18 Bini ta' Out-Patients Block u parkeġġ f'Mater Dei ........ 82
7.19 Aktar investiment fl-iSport ........ 83

7.20 Kultura ........................................ 84
7.21 Inkomplu nindirizzaw l-Imigrazzjoni Irregolari ........................................ 84
7.22 Drittijiet Umani u Integrazzjoni ........................................ 84
7.23 Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika ........................................ 85
7.24 Titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol ........................................ 85
7.25 Aktar Riformi ........................................ 86
7.26 Il-Qasam tal-Volontarjat ........................................ 86
7.27 Djalogu Soċjali ........................................ 86
8. GĦELUQ ........................................ 88

# 1. INTRODUZZJONI

Sur President,

Ninsabu fil-bidu ta' leġiżlatura ġdida wara li l-poplu Malti u Għawdxi f'Ġunju li għadda rrikonferma l-fiduċja tiegħu fil-Gvern preżenti b'maġġoranza akbar milli kellu f'Marzu 2013.

Bħal f'kull bidu ta' leġiżlatura ġdida jkun tajjeb li jkun magħruf il-punt ta' tluq, imnejn se jkun qed jitlaq il-Gvern fil-bidu tal-leġiżlatura.

Nassigurak minnufih Sur President li t-tluq għal din il-leġiżlatura huwa minn bażi ferm u ferm aktar soda mit-tluq li kellna fl-aħħar leġiżlatura. U dan sar f'temp ta' erba' snin.

Minn Defiċit ta' kważi €300 miljun fl-2012 dawwarna *Surplus* ta' 'l fuq minn €100 miljun fl-2016 – u skont il-figuri tal-ewwel tmien xhur, se nerġgħu nilħqu *Surplus* ieħor din is-sena.

Illum għandna madwar 5,000 persuna inqas jirreġistraw għax-xogħol milli kellna fl-2013. Illum fuq il-postijiet tax-xogħol għandna jaħdmu madwar 22,000 ruħ aktar milli kellna fil-bidu tal-Leġiżlatura l-oħra.

Illum għandna madwar 11,000 mara aktar joħorġu għax-xogħol milli kellna fil-bidu tal-leġiżlatura l-oħra.

In-numru ta’ ħaddiema mas-settur privat illum jammonta għal madwar 28,000 aktar milli kien hemm fl-aħħar tas-sena 2012. Dan huwa dovut għat-tkabbir ekonomiku li rnexxielu jistimula l-Gvern.

Illum in-numru ta’ persuni fuq l-assistenza soċjali, inkluż is-*single parents* huwa ta’ madwar 3,000 inqas milli kien fil-bidu tal-leġiżlatura li għaddiet. Illum in-numru ta’ persuni fuq l-assistenza tal-qgħad huwa ta’ madwar 3,500 inqas milli sibnieh aħna fil-bidu tal-leġiżlatura l-oħra.

Dan grazzi għal miżuri baġitarji li daħħalna tat-*tapering of benefits* u tal-*In-work benefit,* li ħajru individwi jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Fl-2017, l-ekonomija Maltija baqgħet tesperjenza ċertifikat ta’ suċċess wieħed wara l-ieħor. Fl-ewwel 100 jum ta’ dan il-Gvern ġdid kellna:

- *Upgrade* tal-ekonomija minn Fitch Ratings minn *A positive* għal *A+ stable*.
- L-aġenzija DBRS dawret l-*outlook* tal-ekonomija minn *A stable* għal *A positive*.
- S&P idawru l-*outlook* ekonomiku ta’ pajjiżna minn *stable* għal *positive*. Dan sena biss wara li taw *upgrade* minn BBB+ għal A-.

Fl-ewwel mitt jum biss, Malta kellha l-aqwa żieda ta’ tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea u l-aqwa żieda fil-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni Ewropea.

Fil-kuntest ta’ dan kollu, rajna wkoll tnaqqis sostanzjali fil-faqar.

Skont l-iktar statistika riċenti n-numru ta’ nies f’riskju ta’ faqar u esklużjoni soċjali naqas b’9,000 persuna. Dan filwaqt li d-dħul ta’ kull familja f’Malta żdied bħala medja. Barra minn hekk, naqqasna drastikament ir-rata ta’ persuni li ma jistgħux ilaħħqu mal-ispejjeż tal-ħajja ta’ kuljum fejn fis-sena 2012 kienet ta’ 17 fil-mija u sal-aħħar tas-sena l-oħra rnexxielna nnaqqsuha għal 6.6 fil-mija.

Dan seħħ hekk kif baġit wara l-ieħor kienu ħolqa ta’ pjan fiskali, ekonomiku u soċjali li ħoloq il-ġid u qassmu biex jilħaq lil kulħadd. Wettaqna ħafna u ħafna minn dak li konna wegħedna fil-Programm Elettorali b’mixja maħsuba, meqjusa, prudenti, serja u konsistenti.

Irridu nirrikonoxxu Sur President li dan is-suċċess ekonomiku ġab miegħu sfidi ġodda, bl-akbar waħda tkun dik li ninvestu u ntejbu l-infrastruttura eżistenti biex din tkun ta’ sostenn fit-tkattir tal-attività ekonomika u biex twitti t-triq għal aktar tkabbir ekonomiku li minnu jgawdi l-poplu Malti u Għawdxi.

L-investiment sew pubbliku u sew privat fl-infrastruttura, li tinkludi t-toroq u faċilitajiet oħrajn ta' trasport, il-*housing stock* ta' pajjiżna, il-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-immaniġjar tal-iskart jiffaċilitaw l-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna.

Nassigurak Sur President li dan se nkunu qegħdin nagħmluh tul din il-leġiżlatura. Għax bid-deċiżjonijiet għaqlija li ħa dan il-Gvern taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru Joseph Muscat fl-aħħar erba' snin, nistgħu niffukaw fuq il-futur ta' pajjiżna.

Dan se jkun l-ewwel baġit f'din il-Leġislatura li bih se nibdew nindirizzaw l-isfidi li għandna biex inlestu lil Malta għall-futur.

**1.1 Il-Qagħda ekonomika u finanzjarja**

Sur President, tul is-sena 2016, l-ekonomija Maltija kibret f'termini reali b'5.5 fil-mija filwaqt li fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena kibret b'6.3 fil-mija. Dan jikkompara ferm tajjeb mar-rata ta' tkabbir ta' 2.2 fil-mija reġistrat fl-Unjoni Ewropea.

Fl-ewwel nofs ta' din is-sena, il-konsum privat baqa' jkun wieħed mill-muturi ewlenin wara t-tkabbir, hekk kif dan kiber b'4.4 fil-mija. F'terminu ta' sena, dan irrifletta żidiet ta' €246 miljun fil-pagi u s-salarji kif ukoll ta' €468 miljun fil-profitti tal-kumpaniji.

It-tkabbir ekonomiku kompla jkun diversifikat matul l-ewwel nofs ta' din is-sena, hekk kif is-setturi kollha, inkluż il-manifattura, irreġistraw żidiet fil-Valur Miżjud Gross.

Is-suq tax-xogħol f'pajjiżna tul is-sena li għaddiet baqa' wieħed robust. Infatti, matul is-sena 2016 irreġistrajna tkabbir ta' 3.3 fil-mija fil-qasam tax-xogħol u rreġistrajna l-aktar rata baxxa, rata rekord ta' 4.7 fil-mija, fejn jirrigwarda l-qgħad.

Fit-tieni kwart ta' din is-sena l-impjiegi totali żdiedu b'2.5 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena l-oħra filwaqt li l-impjiegi fost in-nisa żdiedu b'3.1 fil-mija.

Dan wassal sabiex il-qgħad baqa' nieżel għal 4.1 fil-mija, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ nieżel għal 10.6 fil-mija fl-istess perjodu. L-ammont ta' nies jirreġistraw nieżel għal inqas minn 2,500 f'Awissu ta' din is-sena.

Is-settur privat kompla jkun il-mutur ewlieni wara din iż-żieda fl-impjiegi. Infatti f'Marzu ta' din is-sena, iż-żieda totali fl-impjiegi kienet 9,512, fejn aktar minn 8,500 minnhom inħolqu mis-settur privat. Dan ifisser li 90 fil-mija tal-impjiegi ġodda nħolqu fis-settur privat. It-tkabbir fl-impjiegi ġie reġistrat fil-maġġoranza tas-setturi, bl-ikbar żidiet innotati jkunu fis-setturi li jinkludu servizzi professjonali, tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi, kif ukoll is-setturi tal-arti, id-divertiment u rikreazzjoni.

Tajjeb li ninnotaw li għalkemm kellna żieda robusta fl-impjiegi u tnaqqis rekord fil-qgħad, dan ma wassalx għal żieda fl-inflazzjoni. Infatti, ir-rata annwali tal-inflazzjoni f'2016 kienet ta' 1.0 fil-mija hekk kif imkejla mill-*Harmonised Index of Consumer Prices (HICP)* u ta' 1.06 fil-mija hekk kif imkejla mir-*Retail Price Index (RPI)*.

F'Awwissu ta' din is-sena r-rata annwali tal-inflazzjoni baqgħet f'livell relattivament baxx ta' 1.2 fil-mija *(HICP)* u ta' 1.17 fil-mija *(RPI),* rispettivament.

Komplejna niksbu s-suċċessi anke fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, fejn il-kont estern tal-pajjiż irreġistra *surplus* ta' 6.6 fil-mija fl-2016.

Fit-tieni kwart ta' din is-sena dan is-*surplus* kiber għal rata rekord ta' 16.6 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku (PDG).

Dan is-*surplus* sostanzjali rrifletta ż-żidiet li ġew irreġistrati fl-esportazzjoni tal-prodotti u s-servizzi li ammontaw għal żieda ta' 3.5 fil-mija għas-sena 2016. Iż-żidiet komplew jiġu sostnuti matul l-ewwel nofs ta' din is-sena, b'żidiet ta' 2.6 fil-mija meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena l-oħra.

Żidiet rekord komplew jiġu reġistrati fit-turiżmu fejn fl-2016 in-numru ta' turisti li ġew f'pajjiżna laħaq iż-żewġ miljun turist. Fl-ewwel tmien xhur biss ta' din is-sena, Malta diġà laħqet miljun u nofs turist. Dan ifisser żieda ta' sbatax punt tlieta fil-mija li jsarraf ta' biljun u tlett mitt elf ewro f'infiq.

Malta tejbet il-kompetittività tagħha li ġiet riflessa fl-aħħar edizzjoni tal-*Global Competitiveness Index* (2017-2018) tal-*World Economic Forum*. Malta reġgħet avvanzat bi tliet postijiet sabiex b'hekk minn 138 pajjiż madwar id-dinja, Malta issa telgħet fis-37 post.

Sur President, nixtieq nagħti titwila issa lejn il-finanzi pubbliċi ta' pajjiżna. (ara tabelli 1.1, 1.2 u 1.3)

Illum wara li pajjiżna ħareġ mill-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, b'sodisfazzjon kbir ngħid li temmejna s-sena 2016 b'*surplus* ta' ftit iktar minn 1 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross li jfisser aktar minn €100 miljun f'*surplus*, xi ħaġa li rnexxielna nirreġistraw għall-ewwel darba wara 35 sena.

Jekk nagħtu ħarsa lejn is-sitwazzjoni fiskali fil-fond konsolidat fl-ewwel tmien xhur ta' din is-sena naraw li l-Gvern irnexxielu jirreġistra *surplus* ta' €31 miljun. Dan ifisser titjib ta' €110 miljun fuq l-istess perjodu tas-sena 2016.

Dawn ir-riżultati pożittivi fil-qasam tal-finanzi pubbliċi rnexxielna niksbuhom għax ħdimna bil-għaqal u żammejna l-ispiża taħt kontroll filwaqt li żidna d-dħul sabiex b'hekk iż-żieda fl-infiq tkun dejjem inqas miż-żieda fid-dħul.

Sur President, għalhekk, ninsabu ferm fiduċjużi li fi tmiem din is-sena se nkunu qegħdin nerġgħu nispiċċaw għat-tieni sena konsekuttiva b'*surplus* fil-bilanċ fiskali.

Niġu għad-dejn pubbliku.

Fis-sena 2012 id-dejn tal-pajjiż paragunat mal-Prodott Domestiku Gross kien qed joqrob is-70 fil-mija. Il-mira tagħna kienet li sa tmiem il-leġiżlatura li għaddiet dan inkunu niżżilnieh għal 60 fil-mija.

Minkejja li kien għad fadal sena li normalment iddum leġiżlatura, din il-mira mhux talli lħaqnieha iżda qbiżniha u temmejna l-leġiżlatura bid-Dejn Nazzjonali paragunat mal-Prodott Domestiku Gross jonqos għal 57.6 fil-mija.

Dan kollu sar b'mod konsistenti u wassal biex tissaħħaħ il-kredibilità ta' pajjżna mal-Unjoni Ewropea u 'l hinn minnha, ma' istituzzjonijiet internazzjonali bħalma huwa l-Fond Monetarju Internazzjonali u aġenziji ta' kreditu internazzjonali.

## 1.2 Tbassir tal-andament tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi

Qabel ma ngħaddi għat-tbassir ekonomiku u finanzjarju lokali nixtieq nagħti ftit ħarsa lejn it-tbassir internazzjonali għas-snin li ġejjin. L-aħħar tbassir juri li t-tkabbir ekonomiku globali mistenni jissaħħaħ fis-snin li ġejjin hekk kif pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u pajjiżi emerġenti mistennijin jirpiljaw.

Il-Fond Monetarju Ewropew ibassar li l-tkabbir globali mistenni jkun ta' 3.6 fil-mija fis-sena 2018. Pajjiżi avvanzati mistennijin jikbru b'rata moderata, infatti jekk inħarsu lejn l-Istati Uniti din mistennija tikber bi 2.1 fil-mija. Pajjiżi emerġenti u pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw mistennijin jikbru b'rata aktar b'saħħitha ta' 4.8 fil-mija. Għall-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ewro, il-Kummissjoni Ewropea qed tipprevedi tkabbir reali ta' 1.8 fil-mija.

It-tbassir għal pajjiżna jikkompara ferm tajjeb kemm mat-tbassir globali kif ukoll ma' dak tal-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ewro hekk kif għas-sena li ġejja qegħdin nipprevedu li t-tkabbir ekonomiku jibqa' robust b'rata ta' tkabbir ta' 5.6 fil-mija f'termini reali u 7.6 fil-mija f'termini nominali. It-tkabbir mistenni jibqa' jirrifletti t-tkabbir fil-konsum privat ta' 4.1 fil-mija u żidiet sostanzjali fl-impjiegi ta' 3.8 fil-mija u livell baxx ta' qgħad li mbassar jkun ta' 4.2 fil-mija. It-tkabbir mistenni jkun ukoll sostnut mit-tkabbir fl-investment ta' 7.8 fil-mija. Dan fi sfond ta' inflazzjoni li mistennija tkun moderata għal 1.5 fil-mija.

Fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, qegħdin nipprevedu tkabbir fl-esportazzjoni ta' 2.5 fil-mija għas-sena-2018. Dan it-tkabbir jirrifletti ż-żidiet fl-esportazzjoni mistennijin minn diversi setturi li jinkludu fost oħrajn is-settur finanzjarju u dak tal-*gaming* kif ukoll it-turiżmu.

Fl-2018, mistenni li s-*surplus* ikun ta' 0.5 fil-mija filwaqt li l-piż tad-dejn mistenni jkompli nieżel għal 50.8 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

Sur President, qabel ma niġi għall-miżuri ta' dan il-Baġit, nixtieq ngħid li f'dan il-Baġit mhux se nkun qed inħabbar l-ebda taxxa ġdida, jew xi żieda f'dik eżistenti, la diretta u lanqas indiretta, jiġifieri la taxxa fuq id-dħul u lanqas taxxa fuq il-konsum. Dan ma nafu qatt li ġara f'baġit ta' wara l-elezzjoni. Dan nistgħu nagħmluh għax b'għaqal u responsabilità nħossu li l-finanzi għas-sena 2018 jippermettulna nagħmlu dan.

**Tabella 1.1**

## IL-QAGĦDA FISKALI 2016 - 2020

| | 2016 Attwali € '000 | | 2017 Rivedut € '000 | | 2018 Estimi € '000 | | 2019 Estimi € '000 | | 2020 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 3,445,972 | | 3,696,898 | | 3,965,935 | | 4,176,910 | | 4,398,110 | |
| Dħul Ieħor | 360,990 | | 376,618 | | 384,115 | | 399,565 | | 401,961 | |
| Dħul Totali | | 3,806,962 | | 4,073,516 | | 4,350,050 | | 4,576,475 | | 4,800,071 |
| Nefqa Rikurrenti | | 3,264,338 | | 3,511,403 | | 3,686,744 | | 3,823,047 | | 3,926,755 |
| Nefqa Kapitali | | 310,300 | | 375,574 | | 472,589 | | 527,476 | | 570,016 |
| Bilanċ qabel l-Imgħax | 232,324 | | 186,539 | | 190,717 | | 225,952 | | 303,300 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 223,454 | | 215,539 | | 212,117 | | 212,300 | | 213,700 |
| Bilanċ Rikurrenti | 319,170 | | 346,574 | | 451,189 | | 541,128 | | 659,616 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **8,870** | | **(29,000)** | | **(21,400)** | | **13,652** | | **89,600** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(485,398)* | | *(372,926)* | | *(391,694)* | | *(437,227)* | | *(461,583)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | --- | | --- | | *(3,500)* | | *(3,500)* | | *(3,500)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(1,631)* | | --- | | --- | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,465)* | | *(1,663)* | | *(57)* | | *(57)* | | *(57)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds Specjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(12,993)* | | *(32,600)* | | *(2,600)* | | *(2,600)* | | *(2,600)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *12,184* | | *2* | | *2* | | *2* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | --- | | --- | | *90,000* | | --- | | --- | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | *1,131* | | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(544,802)* | | *(464,059)* | | *(363,091)* | | *(496,993)* | | *(521,349)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(535,932)* | | *(493,059)* | | *(384,491)* | | *(483,341)* | | *(431,749)* |
| *Self Barrani* | | --- | | --- | | --- | | --- | | --- |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(170,138)* | | *(108,168)* | | *(101,227)* | | *(135,718)* | | *(119,059)* | |
| *Self Lokali* | *597,902* | | *500,000* | | *350,000* | | *500,000* | | *450,000* | |
| | | *427,764* | | *391,832* | | *248,773* | | *364,282* | | *330,941* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(108,168)* | | *(101,227)* | | *(135,718)* | | *(119,059)* | | *(100,808)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **8,870** | | **(29,000)** | | **(21,400)** | | **13,652** | | **89,600** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **104,050** | | **117,000** | | **75,400** | | **43,348** | | **(28,600)** |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż** | | **112,920** | | **88,000** | | **54,000** | | **57,000** | | **61,000** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **9,943,139** | | **10,750,555** | | **11,572,870** | | **12,367,403** | | **13,178,094** | |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **1.1%** | | **0.8%** | | **0.5%** | | **0.5%** | | **0.5%** | |

**Tabella 1.2**

## IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

| | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | *€ '000*<br>2020 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 5,084,012 | 5,131,840 | 5,070,836 | 5,119,545 | 5,096,426 |
| *Retail Savings Bonds* tal-Gvern ta' Malta | --- | 99,895 | 96,395 | 92,895 | 89,395 |
| *Bills* tat-Teżor | 254,000 | 270,000 | 304,656 | 288,017 | 269,398 |
| Self minn Barra | 19,370 | 8,953 | 1,088 | 965 | 842 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 126,504 | 142,636 | 142,636 | 142,636 | 142,636 |
| Munita | 72,832 | 80,937 | 88,115 | 95,309 | 102,523 |
| EFSF (*Debt Re-Routing* ) | 171,189 | 171,189 | 171,189 | 171,189 | 171,189 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **5,727,907** | **5,905,450** | **5,874,915** | **5,910,556** | **5,872,409** |
| Prodott Domestiku Gross | 9,943,139 | 10,750,555 | 11,572,870 | 12,367,403 | 13,178,094 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **57.61%** | **54.93%** | **50.76%** | **47.79%** | **44.56%** |

# Tabella 1.3

## IL-QAGĦDA FISKALI 2016 - 2017

| | 2016 | | 2017 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali € '000 | | Approvat € '000 | | Rivedut € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 3,445,972 | | 3,542,304 | | 3,696,898 | |
| Dħul Ieħor | 360,990 | | 345,299 | | 376,618 | |
| Dħul Totali | | 3,806,962 | | 3,887,603 | | 4,073,516 |
| Nefqa Rikurrenti | | 3,264,338 | | 3,434,868 | | 3,511,403 |
| Nefqa Kapitali | | 310,300 | | 361,927 | | 375,574 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | 232,324 | | 90,808 | | 186,539 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 223,454 | | 219,108 | | 215,539 |
| Bilanċ Rikurrenti | 319,170 | | 233,627 | | 346,574 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **8,870** | | **(128,300)** | | **(29,000)** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(485,398)* | | *(372,926)* | | *(372,926)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,465)* | | *(1,663)* | | *(1,663)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(12,993)* | | *(32,600)* | | *(32,600)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *12,184* | | *2* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | --- | | --- | | --- | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | *1,131* | | *889* | | *889* | |
| | | *(544,802)* | | *(464,059)* | | *(464,059)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(535,932)* | | *(592,359)* | | *(493,059)* |
| *Self Barrani* | | --- | | --- | | --- |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(170,138)* | | *(288,232)* | | *(108,168)* | |
| *Self Lokali* | *597,902* | | *600,000* | | *500,000* | |
| | | *427,764* | | *311,768* | | *391,832* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(108,168)* | | *(280,591)* | | *(101,227)* |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **8,870** | | **(128,300)** | | **(29,000)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **104,050** | | **78,300** | | **117,000** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **112,920** | | **(50,000)** | | **88,000** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **9,943,139** | | **9,835,660** | | **10,750,555** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **1.1%** | | **-0.5%** | | **0.8%** | |

## 2. TQASSIM TAL-ĠID

Sur President, mill-ġid li ħloqna gawda kulħadd – mill-kbir saż-żgħir.

Għalkemm dan huwa ta' sodisfazzjon għalina, mhux se nieqfu hawn. Bil-għaqal, u xprunati mill-programm elettorali u bil-mandat li tana l-poplu, se nkomplu nniedu aktar inizjattivi u miżuri ta' fejda bil-għan li jkollna soċjetà aktar inklussiva.

### 2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja

Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja għas-sena d-dieħla se tkun ta' €1.75 fil-ġimgħa, dan wara li sar l-aġġustament għal din is-sena skont kif kont ħabbart fil-baġit l-ieħor.

### 2.2 Żieda ta' ġurnata oħra ta' *leave*

Waħda mill-proposti ewlenin ta' dan il-Gvern fil-Manifest Elettorali kienet li matul din il-leġiżlatura, nagħtu lura lill-ħaddiema l-ġranet tal-festi pubbliċi li jaħbtu fi tmiem il-ġimgħa. Nemmnu li fi żmien meta nitkellmu tant dwar bilanċ bejn xogħol u familja, din il-miżura hija neċessarja.

Matul is-sena d-dieħla se nibdew nimplimentaw din il-proposta billi nżidu ġurnata mal-*leave* tal-ħaddiema, li huma kontributuri ewlenin fis-suċċess ekonomiku ta' pajjiżna.

Bħalissa diġà bdew diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali dwar kif jista' jintlaħaq l-akbar livell ta' kunsens biex din il-proposta tkompli tkun implimentata matul din il-leġiżlatura, kif imwiegħed.

## 2.3 Aġġustament għall-impjegati li jitħallsu l-Paga Minima

Il-liġi dwar il-paga minima hija bbażata fuq dak stipulat fil-*Minimum Wage National Standing Order* u tkun aġġustata kull sena skont l-aġġustament li jsir għall-għoli tal-ħajja (COLA).

Grazzi għall-impenn tal-Gvern u s-sens responsabbli tal-imsieħba soċjali, kemm tal-*unions* kif ukoll ta' min iħaddem, matul din is-sena sar ftehim storiku fuq kif għandha tiġi aġġustata l-Paga Minima Nazzjonali.

Dan il-ftehim jistipula li impjegati fuq il-paga minima jittellgħu minnha wara li jkunu ilhom sena fl-impjieg ma' min iħaddimhom. Il-ħaddiem ikun intitolat għal żidiet ta' €3 fil-ġimgħa tul it-tieni sena fl-impjieg, u fit-tielet sena għal żieda ta' €3 addizzjonali fil-ġimgħa. Ħaddiema li jkunu qegħdin jaqilgħu aktar mill-paga minima bażika xorta jkunu intitolati għal parti miż-żidiet fit-tieni u t-tielet sena tal-impjieg.

Il-ftehim jistipula wkoll suppliment relatat mal-COLA.

## 2.4 Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem

Matul din il-leġiżlatura se nwettqu wegħda oħra, dik li se nkomplu nnaqqsu t-taxxi fuq ix-xogħol. Dan it-tnaqqis ta' ħlas ta' taxxa, se jingħata lil kull ħaddiem li jaqla' inqas minn €60,000. Għall-ewwel darba se ndaħħlu l-prinċipju li anke dawk il-ħaddiema li ma jħallsux taxxa, se jibbenefikaw. Fil-fatt dawk bl-inqas dħul se jingħataw l-massimu ta' din l-għotja.

Għas-sena d-dieħla, kull min jaħdem, sew jekk *full-time* jew *part-time*, se jirċievi ċekk ta' darba fejn l-ammont li se jitħallas ikun ivarja minn €40 għal massimu ta' €68, skont id-dħul gross mix-xogħol tal-individwu li jkun daħħal fis-sena ta' qabel.

B'din il-miżura, li se tiswa lill-Gvern €10.6 miljuni, se jibbenefikaw ftit inqas minn 200,000 persuna li qegħdin fis-suq tax-xogħol. (ara tabella 2.1)

## 2.5 Żieda fil-pensjonijiet

Għal sentejn wara xulxin, fl-2016 u fl-2017, daħħalna diversi miżuri għal firxa wiesgħa ta' pensjonanti li wasslu biex il-pensjonijiet reġgħu bdew jiżdiedu b'mod sostanzjali wara 25 sena.

Il-pensjonanti, fiduċjużi li minn dan il-Gvern jistennew titjib fil-pensjoni tagħhom. Dan bir-raġun. Is-sena d-dieħla wkoll, għat-tielet sena wara l-oħra, se nerġgħu ngħollu l-pensjonijiet.

Sur President, f'dan il-baġit se nżidu l-pensjoni ta' kull pensjonant.

Kull pensjonant se jkun qed jingħata żieda fil-pensjoni kontributorja u anke mhux kontributorja ta' €2 fil-ġimgħa.

Minn din il-miżura, se jkunu qegħdin jibbenefikaw 'il fuq minn 90,000 pensjonant u se jkunu qegħdin jieħdu total ta' €9 miljuni.

**2.6 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet**

Sur President, din is-sena daħħalna riforma kbira favur ħelsien mit-taxxa fuq il-pensjonijiet, riforma li gawdew minnha mhux inqas minn 22,000 pensjonant. Iktar minn hekk, hemm 9,000 pensjonant li ma baqgħux iħallsu taxxa.

Kif konna għidna sena ilu, din il-miżura se tkun qed titwettaq fuq medda ta' sentejn. U hekk se jsir matul is-sena d-dieħla.

Barra minn hekk, se ngħollu l-massimu ta' dħul minn pensjonijiet li mhux se jkun intaxxat, għal €13,200. (ara tabella 2.2)

## 2.7 Pensjonanti tas-Servizz

Għal sena oħra, se nkunu qegħdin inżidu €200 oħra fl-ammont ta' Pensjoni tas-Servizz li jitnaqqas mill-Pensjoni tas-Sigurtà Soċjali. Din il-miżura, li se jgawdu minnha aktar minn 4,500 pensjonant tas-Servizz, se tiswa miljun ewro.

## 2.8 Għotja ta' €300 fis-sena

L-għotja ta' €300 fis-sena lil dawk li għalqu l-75 sena u li għadhom jgħixu fid-djar tagħhom se tkompli tingħata tul is-sena d-dieħla.

## 2.9 Bolol imħallsin minn pensjonanti li jaħdmu

Pensjonanti li jilħqu l-età tal-pensjoni u jibdew jieħdu l-pensjoni iżda jkomplu jaħdmu huma obbligati li jħallsu l-bolla sakemm jgħalqu l-età ta' 65 sena.  F'każijiet fejn, speċjalment nisa, il-pensjonant ikollu bolol neqsin u ma jkunx qed jieħu pensjoni sħiħa, mis-sena d-dieħla se ndaħħlu miżura biex malli l-pensjonant jagħlaq 65 sena ssir stima ġdida tal-pensjoni li tikkunsidra wkoll il-bolol li jkunu tħallsu wara l-età tal-pensjoni.  B'dan il-mod inkunu qegħdin nagħmlu ġustizzja ma' dawn in-nies ukoll.

Barra minn hekk, pensjonanti tal-irtirar li għadhom ma laħqux l-età ta' 65 sena u jagħmlu xi xogħol mhux *full-time* bħala *self-employed u part-time*, mis-sena d-dieħla se jkunu jistgħu jibdew iħallsu bolla *pro-rata* ta' 15 fil-mija tad-dħul nett tagħhom mill-impjieg u mhux bilfors il-bolla sħiħa kif inhuma sal-lum.

## 2.10 Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi

Sur President, fil-baġit tas-sena l-oħra, kont ħabbart li se jitwaqqaf fond li minnu se  nibdew nagħtu ħlasijiet għal anomaliji li setgħu nħolqu tul is-snin minħabba tibdiliet fis-sistema tal-pensjonijiet li ħolqu anomaliji, jew għal raġunijiet oħrajn.

L-eks-ħaddiema tal-korpi tas-snin sebgħin, l-eks-ħaddiema tax-xatt, l-eks ħaddiema tal-ex-*Malta Electricity Board* u l-pulizija, bdew jirċievu ċ-ċekkijiet li kienu mwegħda. Din is-sena se jkunu qegħdin jitħallsu 'l fuq minn €11-il miljun lil aktar minn 6,000 benefiċjarju jew l-eredi tagħhom.

Sur President, din hija wegħda elettorali oħra li qegħdin inwettqu.

Għas-sena d-dieħla, se nallokaw €10.5 miljun biex inkomplu nindirizzaw dawn l-inġustizzji tal-passat.

## 2.11 *Government Savings Bonds* għall-pensjonanti

Wara d-domanda li kien hemm għal ħruġ ta' *Savings Bonds* 62+ indirizzati għal dawk li għalqu it-62 sena, se nkunu qegħdin nerġgħu noħorġu *Bond* simili matul is-sena d-dieħla; dan fl-isfond li r-rati ta' imgħax fuq kontijiet bankarji fissi jibqgħu baxxi.

## 2.12 *Ex-gratia payment*

Fis-sena li ġejja l-Gvern se jagħti pagament *ex-gratia* għal min kien irreġistra l-vettura ġdida tiegħu fl-2007, liema miżura tiswa 4.9 miljun ewro.

## 2.13 Tnaqqis ta' VAT dovut minn Azjendi Żgħar u Medji

Il-Gvern jemmen bis-sħiħ fl-ażjendi żgħar u medji għax dawn huma l-mutur tal-ekonomija ta' pajjiżna. U għax jemmen dan, il-Gvern se jkompli jirrikonoxxi dan is-settur bil-fatti.

Wara 18-il sena li ma sar xejn, dan il-Gvern se jgħolli l-ammont ta' valur ta' servizz li taħtu ma jiċċarġjax VAT. Fil-preżent dan l-ammont huwa ta' €14,000, u issa se ngħolluh għal €20,000.

## 2.14 Allineament tas-sisa għall-vireg tal-ħadid

Se tiġi indirizzata anomalija biex ċerti prodotti ta' *steel rods u bars* taħt *HS Code* partikolari jkollhom rata ta' sisa bħal dik fuq prodotti simili biex jiġi rispettat il-prinċipju ta' *level playing field* fuq l-importazzjoni.

## 2.15 Nikkumbattu l-evażjoni fiskali

Il-Gvern se jkompli jikkumbatti b'kull mezz l-evażjoni fiskali u l-kompetizzjoni inġusta. Dan se jkun qed isir billi se jiżdiedu kemm il-multi fuq reati trattati mill-Qrati kif ukoll il-multi fuq reati deċiżi bi ftehim barra l-Qorti.

Il-*Joint Enforcement Task Force* sejra wkoll iżżid l-isforzi tagħha sabiex ikomplu jiġu identifikati dawk il-kumpaniji u negozji li qegħdin jevadu t-taxxi.

## 2.16 Inkomplu nnaqqsu l-faqar u d-dipendenza soċjali

Il-pakkett ta' miżuri u inċentivi li sejjaħnielu *'making work pay'* immirat biex filwaqt li jnaqqas id-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali, jinċentiva x-xogħol, speċjalment għan-nisa, u fl-istess waqt jitnaqqas il-faqar, ħalla riżultati tajbin ħafna u l-Gvern beħsiebu jkompli jsaħħaħhom.

## 2.17 Estensjoni tal-iskema tal-*In-work Benefit*

Il-Gvern din is-sena se jkun qed iwieżen aktar lil koppji fejn wieħed mill-ġenituri biss jaħdem. Għalhekk is-sena d-dieħla l-ogħla rata ta' *In-Work Benefit* għal din il-kategorija se titla' minn €350 għal €450 għal kull wild. B'dan il-mod, xorta jibqa' l-inċentiv li jekk it-tieni ġenitur jidħol fid-dinja tax-xogħol, xorta jkun jaqblilhom għax l-ogħla rata ta' *In-Work Benefit* li jistgħu jirċievu titla' għal €1,200 għal kull wild.

Dan qed nagħmluh għax il-mira tal-Gvern tibqa' li ebda familja bi tfal taħt is-16-il sena fejn mill-inqas ġenitur wieħed jaħdem *full-time* u jaqla' l-paga minima ma tkun tgħix fil-faqar. (ara tabella 2.3)

## 2.18 *Tapering* tal-benefiċċji

Miżura li konna daħħalna fl-2014 u li tat riżultati tajbin hija dik tat-*tapering* tal-benefiċċji. B'dan il-mod, dawk li jkunu ilhom għal mill-inqas sentejn fit-tliet snin ta' qabel jgħixu fuq il-benefiċċji soċjali, jekk isibu xogħol ma jitilfux il-benefiċċji kollha f'daqqa imma jonqsulhom gradwalment. Sal-lum ibbenefikaw 'il fuq minn 3,000 persuna minn din il-miżura, li minnhom tnejn minn kull tlieta huma nisa.

L-ewwel benefiċjarji li daħlu f'din l-iskema tliet snin ilu u issa għaddielhom it-terminu ta' tliet snin, qegħdin jibqgħu fil-maġġoranza tagħhom fid-dinja tax-xogħol u mhux jerġgħu lura fuq il-benefiċċji soċjali.

Biex naraw li din l-iskema tkompli tinfirex, il-perjodu ta' stennija biex wieħed ikun jista' jibbenefika għat-*tapering* tal-benefiċċji se jitnaqqas minn sentejn jgħix fuq il-benefiċċji soċjali għal sena biss. B'hekk ikun hemm transizzjoni aktar mgħaġġla mid-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali għad-dinja tax-xogħol u nkomplu nnaqqsu l-faqar b'mod attiv.

## 2.19 *Community Worker Scheme*

Is-sena d-dieħla se ntejbu wkoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li jinsabu fil-*Community Worker Scheme* billi nżidu €200 fil-pagament tagħhom ta' kull xahar.

## 2.20 Titjib fl-*Allowance* Miżjud għall-*Carers*

Din is-sena wettaqna riforma sħiħa fil-benefiċċji għall-*carers* bil-għan li ngħinu aktar anzjani jibqgħu jgħixu fi djarhom u fil-komunità. Il-ħlas żdied b'mod sostanzjali u tfasslu kundizzjonijiet ġodda. L-*Allowance* Miżjud għall-*Carers* beda jitħallas lil dawk il-miżżewġin li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb persuni fir-residenza tagħhom bi grad għoli ta' dipendenza.

B'riżultat ta' stħarriġ dwar kif intlaqgħet u qiegħda taħdem is-sistema l-ġdida, se nintroduċu ħlas addizzjonali ta' €8.15 fil-ġimgħa għal kull membru ieħor tal-familja jekk persuna miżżewġa titlef id-dritt għal xi għajnuna soċjali oħra jekk tkun intitolata għall-*allowance* miżjuda. F'dan il-każ id-dħul u l-kapital tal-familja, eskluż l-*allowance* miżjuda, ikun jissodisfa l-evalwazzjoni tal-mezzi għall-għajnuna soċjali.

Huwa ta' pjaċir li ninnotaw li l-iskemi kollha tal-*Carers* fid-djar qegħdin ikollhom ir-riżultati mixtieqa tant li l-benefiċjarji żdiedu b'1500. Din tfisser qabża ta' ħames darbiet. Dan ifisser ukoll inqas pressjoni fuq l-isptarijiet u djar tal-anzjani tagħna.

## 2.21 Rimbors ta' spejjeż għal adozzjoni ta' tfal minn barra l-pajjiż

Mis-sena d-dieħla se nkunu qegħdin nagħtu għajnuna sa massimu ta' €10,000 biex tkopri parti mill-ispejjeż, inkluż fuq vjaġġar, li ġenituri adottivi jagħmlu biex jadottaw wild.

Din l-għotja se tkun tapplika ukoll għal dawk li diġà bdew tali proċess adottiv u għadu ma ntemmx. Dettalji dwar din il-miżura jingħataw aktar 'il quddiem.

## 2.22 *Allowance* għal Iltima

Tfal li jkunu tilfu lill-ġenituri tagħhom jitħallsu *Allowance (għal Iltima)* sakemm jgħalqu 16-il sena u malli jgħalqu 16-il sena iżda ma jkunux għalqu 21 sena, jekk ma jkunux qegħdin jaħdmu, jitħallsu *Allowance Speċjali (għal Iltima)* b'rata ogħla. Il-Gvern iħoss li din mhix ġusta ma' dawn it-tfal li tippenalizzahom għax jaħdmu. Għalhekk, fl-2018 se nkunu qegħdin inneħħu din ir-restrizzjoni u l-*Allowance Speċjali għal Iltima* se tibda titħallas sħiħa rrispettivament minn jekk it-tfal ikunux jaħdmu jew le.

### 2.23 Żieda tal-*Foster Care Allowance*

Dan il-Gvern jirrikonoxxi l-imħabba u d-dedikazzjoni li dawk li jiffosterjaw jagħtu lil tfal li ma jkunux tagħhom biex joffrulhom futur aħjar. Min ikun qed jiffosterja jkollu spejjeż addizzjonali. Għalhekk mis-sena d-dieħla se nkunu qegħdin ngħollu l-*Foster Care Allowance* minn €70 għal €100 fil-ġimgħa u b'hekk se nkunu qegħdin inwettqu wegħda elettorali oħra.

Din se tkun l-ewwel żieda f'din l-*allowance* fi tmien snin.

### 2.24 Għajnuna għal romol li jaħdmu

Persuna li qiegħda taħdem u fl-istess ħin tkun qiegħda tirċievi l-pensjoni kontributorja mhux intitolata għall-benefiċċju għall-mard.
Din ir-restrizzjoni tolqot romol li jaħdmu u għandhom tfal dipendenti taħt it-23 sena.

Mis-sena d-dieħla, bil-għan li ngħinu dawn ir-romol iżommu l-livell tal-għejxien tagħhom, se nibdew inħallsuhom l-benefiċċju għall-mard.

### 2.25 L-ammont ta' manteniment imħallas ma jibqax jitqies bħala dħul

Persuni li jkunu qegħdin jgħaddu l-manteniment lill-konjuġi u/jew lit-tfal tagħhom qegħdin jintlaqtu mill-fatt li l-ammont ta' manteniment imħallas jitqies bħala dħul għal fini tal-*means test* tal-Karta r-Roża. B'hekk jekk

jeċċedu l-iskala tat-test tal-mezzi qegħdin jiġu mċaħħda milli jingħataw mediċini b'xejn.

Se nieħdu passi biex titneħħa din l-anomalija u l-manteniment imħallas jitnaqqas mid-dħul oriġinali meta jinħadem it-test tal-mezzi. B'hekk inkunu qegħdin inkomplu inwettqu l-wegħda li noħolqu aktar konformità fl-evalwazzjoni tal-benefiċċji mhux kontributorji.

## 2.26 Għajnuna għal persuni milqutin mill-vizzju tad-droga

Wara li fil-Baġit tal-2016 konna żidna l-benefiċċju magħruf bħala *Drug Addicts Allowance (DAD)*, għal dawk maħkumin mill-vizzju tad-droga jew tax-xorb, mis-sena d-dieħla issa se nkomplu nżiduh minn €30 għal €40 fil-ġimgħa. Dan iservi biex jgħin aktar persuni li jkunu qegħdin isegwu programm ta' riabilitazzjoni mid-droga jew xorb.

## 2.27 Aktar djar għal persuni b'diżabilità

Sur President, se nkomplu bil-programm ta' ftuħ ta' djar għal persuni b'diżabilità.

Għas-sena d-dieħla hemm maħsub xogħol u tagħmir ta' tliet djar oħra għal adulti b'diżabilità intellettwali, inkluż persuni b'awtiżmu u b'imġieba diffikultuża.

Fl-istess waqt, se ssir ħidma biex jingħata bidu għat-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid tad-dar residenzjali u ċ-Ċentru għal Matul il-Jum li hemm fil-Qasam tal-Vajrita f'Wied il-Għajn. Il-proġett għandu jieħu madwar erba' snin biex jitlesta.

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, se tniedi taqsima biex tiżgura u tinforza d-drittijiet u l-interessi ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

## 2.28 Residenza San Vinċenz de Paule

Se nkomplu ntejbu l-faċilitajiet interni u ambjentali fir-Residenza San Vinċenz de Paule.
Ix-xogħol jinkludi t-tkomplija tal-proġett mifrux fuq tliet snin fil-Binja Rużar Briffa li għandu jwassal ukoll għal żieda fl-għadd ta' swali u b'hekk jiżdied l-ispazju sabiex nilqgħu aktar pazjenti f'din ir-residenza.

Xogħlijiet oħra jinkludu r-riabilitazzjoni tas-sala għall-pazjenti li jbatu mid-dimenzja u l-iżvilupp mill-ġdid tal-ispiżerija.

Se nieħdu ħsieb ukoll li nibdlu l-vetturi qodma ma' oħrajn ġodda mgħammrin b'faċilità ta' arja kundizzjonata.

## 2.29 Kura fit-tul għall-anzjani

Id-domanda għal servizzi residenzjali mingħand persuni anzjani fil-bżonn ta' kura fit-tul tibqa' dejjem sfida kbira. Din l-amministrazzjoni ma baqgħetx lura biex tilqa' din l-isfida, tant li sena wara l-oħra, kattarna n-nefqa biex jiżdiedu s-sodod fid-djar tal-anzjani u biex inkabbru u ntejbu s-servizzi fil-komunità. Kif wegħedna fil-kampanja elettorali se ninċentivaw u nixprunaw investiment f'dan il-qasam, kemm permezz ta' investiment mis-settur privat kif ukoll b'diversi proġetti fuq bażi ta' *public private partnership*.

## 2.30 Ċentru Sigur għaż-Żgħażagħ Bniet

Matul din is-sena l-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali kompliet bit-tħejjijiet biex tiftaħ Ċentru Sigur għaż-Żgħażagħ Bniet.
Il-mira ta' dan iċ-ċentru hija li jgħin liż-żgħażagħ bniet b'imġieba diffiċli, jitgħallmu l-ħiliet meħtieġa biex jgħixu fis-soċjetà u jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-komunità.

## 2.31 *Supportline 179*

*Supportline 179* hija l-linja nazzjonali tat-telefon immexxija mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, fejn in-nies jistgħu jċemplu biex isibu l-għajnuna. Matul is-sena fuq il-linja jsiru 'l fuq minn 13-il elf telefonata.

Il-Fondazzjoni qiegħda tiżviluppa u taġġorna dan is-servizz biex jilħaq dejjem aktar mal-esiġenzi tas-soċjetà moderna. B’dan il-għan saru l-istrutturi meħtieġa, inkluż sistema teknoloġika.

**Tabella 2.1**

| Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem | |
|---|---|
| | |
| **Komputazzjoni: Singola** | |
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €15,000 | €60 |
| €15,001 - €30,000 | €50 |
| €30,001 - €59,999 | €40 |
| | |
| **Komputazzjoni: Miżżewwġin** | |
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €20,000 | €68 |
| €20,001 - €40,000 | €56 |
| €40,001 - €59,999 | €44 |
| | |
| **Komputazzjoni: Ġenitur** | |
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €15,000 | €64 |
| €15,001 - €30,000 | €52 |
| €30,001 - €59,999 | €40 |

**Tabella 2.2**

| Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat | | |
|---|---|---|
| | **2017** | **2018** |
| Komputazzjoni: Singola | €10,500 | €13,200 |
| Komputazzjoni: Ġenitur | €11,500 | €13,200 |
| Komputazzjoni: Miżżewwġin | €13,000 | €13,200 |
| | | |
| **Dħul ieħor mhux intaxxat** | | |
| | **2017** | **2018** |
| Komputazzjoni: Miżżewwġin | €500 | €1,000 |
| | | |

**Tabella 2.3**

| Estensjoni tal-iskema tal-*In-Work Benefit* | | |
|---|---|---|
| **Dħul** | **Ir-Rati f'2017** | **Ir-Rati l-Ġodda f'2018** |
| €6,600 - €9,499 | €350 | €450 |
| €9,500 - €11,999 | €300 | €400 |
| €12,000 - €12,999 | €250 | €350 |
| €13,000 - €13,999 | €150 | €200 |
| €14,000 - €14,999 | €100 | €140 |
| €15,000 - €16,500 | €52 | €75 |

# 3. IL-*HOUSING* U S-SUQ TAL-PROPRJETÀ

## 3.1 *Housing* Soċjali u *Housing* Affordabbli

Matul l-aħħar leġiżlatura, it-tkabbir ekonomiku bla preċedent u l-ħolqien ta' eluf ta' impjiegi ġodda f'pajjiżna wassal fost l-oħrajn biex id-domanda għall-proprjetà kompliet tikber kemm mill-Maltin u l-Għawdxin kif ukoll minn eluf ta' barranin li ġew jgħixu u jaħdmu f'pajjiżna.

Aħna konxji li dan is-suċċess ġab miegħu wkoll sfidi ġodda relatati kemm mal-prezz tal-kirjiet u anke mal-prezzijiet tal-proprjetà. Dan minnu nnifsu qed ikabbar ukoll id-domanda għall-***housing soċjali*** waqt li qed ikun ukoll ta' sfida għal ***housing affordabbli***. Dan il-Gvern huwa impenjat li jindirizza din il-problema u mhux jaħrabha.

## 3.2 *Housing* Soċjali

Dan il-Gvern jemmen li r-responsabbiltà tal-funzjoni ta' *housing* soċjali hija tal-Istat. Huwa l-Istat li jrid jinvesti f'infrastruttura adegwata biex jipprovdi għajnuna u postijiet biex persuni li jkunu ġejjin minn sitwazzjonijiet soċjali partikolari jiġu megħjuna.

Dan isir iżda b'mod li jiġu megħjuna dawk li verament għandhom bżonn, u li dik l-għajnuna ma jistax ikun li tintiret awtomatikament minn ġenerazzjoni għall-oħra għax b'hekk tkun qed issir inġustizzja ma' min

jaħdem, iġemma' u jinvesti flusu biex ikollu post fejn joqgħod għalih u għall-familja tiegħu.

F'dan il-qasam ukoll, l-Istat għandu joħroġ, minn żmien għall-ieħor, kif qed nagħmlu f'dan il-Baġit, b'inizjattivi fejn jinċentiva lill-privat biex jgħin fis-sitwazzjoni ta' *housing* soċjali.

Matul din is-sena tajna bidu għal investiment massiċċ ta' madwar 50 miljun ewro li qed jara l-bini ta' kważi 700 *unit* għal *housing*. Daħħalna wkoll miżuri oħrajn biex jagħtu sostenn lil min jikri jew lil min jixtieq isir sid ta' daru. Filwaqt li dawn huma inizjattivi importanti, irridu nkomplu nkabbru l-ħidma tagħna f'dan is-settur.

### 3.3 Sussidju tal-Kera

Fil-baġit li għadda daħħalna skema ġdida li biha rdoppjajna s-sussidju tal-kera għal min jidħol f'kuntratt tal-kiri legali u regolari. Konna wkoll wessajna t-*thresholds* sabiex aktar persuni jikkwalifikaw għal dan is-sussidju. Sabiex ngħinu aktar nies se nkunu qegħdin nerġgħu nwessgħu dawn it-*thresholds* biex aktar persuni li jgħixu f'postijiet tal-kiri jibdew jibbenefikaw huma wkoll mis-sussidju.
L-anzjani li għandhom 65 sena jew aktar se jingħataw *thresholds* speċjali biex jibbenefikaw aktar għal dan is-sussidju.

L-Awtorità tal-*housing* se tkun qiegħda tippubblika l-kriterji ta' din il-miżura.

### 3.4 Nikru biex nassistu

Wara li fl-1 ta' Settembru li għadda daħlet fis-seħħ l-iskema **Nikru biex nassistu,** bil-għan li nżidu l-istokk ta' binjiet għal skop ta' ***housing soċjali***, fl-ewwel xahar biss, l-Awtorità tad-Djar diġà rċeviet madwar 200 applikazzjoni.

Din l-iskema, li tħajjar sidien ta' proprjetà biex jikru l-proprjetà tagħhom lill-Awtorità tad-Djar għall-perjodu ta' għaxar snin, se nkunu qegħdin inħalluha miftuħa matul is-sena d-dieħla, kontra dak li kien jiġri qabel. B'hekk se nkomplu nkabbru aktar l-istokk eżistenti u futur sabiex l-Awtorità jkollha aktar postijiet x'talloka.

### 3.5 Għajnuna biex residenzi mhux użati jitranġaw għal skop ta' housing soċjali

Sabiex il-Gvern iħajjar sidien ta' residenzi mhux użati li jiġu rranġati u offruti bħala *units* għal skop ta' ***housing soċjali***, l-Awtorità tad-Djar se toħroġ skema fejn se toffri assistenza finanzjarja sa massimu ta' €25,000 għal kull residenza fuq xogħlijiet ta' tiswija u riabilitazzjoni ta' proprjetajiet privati li jinsabu vojta u mitluqa. Biex tingħata din l-għajnuna, is-sidien iridu jintrabtu li jikru l-istess proprjetà lill-Awtorità tad-Djar b'rati ta' kera vantaġġjużi għall-perjodu ta' 10 snin, għal skopijiet

ta’ ***housing soċjali.*** Dan l-inċentiv se jkun miftuħ għall-ewwel 100 residenza waqt li l-proprjetà trid tkun lesta u fi stat ta' abitazzjoni fi żmien sitt xhur minn meta tkun approvata l-għajnuna sabiex imbagħad tgħaddi għand l-Awtorità biex tinkera għal skopijiet ta' ***housing soċjali.***

**3.6 Postijiet tal-Gvern battala mikrijin għand anzjani**

Huwa fatt magħruf li anzjani li jkunu jgħixu f’postijiet tal-Gvern mikrijin lilhom u jidħlu San Vinċenz de Paule jew f’xi dar tal-anzjani, jibqgħu jżommu ċ-ċwievet tal-post u jħallsu l-kera. Dan jagħmluh għal raġunijiet diversi. Il-Gvern se jibqa’ jirrispetta x-xewqa ta’ dawk l-anzjani li jagħżlu li jagħmlu hekk iżda se jkun qed jagħti inċentiv ġeneruż lil dawk li jirritornaw iċ-ċwievet tal-post li jkollhom biex jiġi allokat lil min ikollu bżonn ***housing soċjali.***

Għalhekk kull anzjan li jkun jgħix f’post mikri mingħand il-Gvern, u wara li jidħol San Vinċenz de Paule jew f’xi dar tal-anzjani inkluż dawk privati jew tal-knisja taħt xi PPP mal-Gvern, jagħżel li jirritorna ċ-ċwievet tal-post tal-Gvern, jibda jinqatagħlu 20 fil-mija inqas mill-pensjoni tiegħu.

Fi kliem ieħor, jekk dak l-anzjan jidħol San Vinċenz u jirritorna ċ-ċwievet tal-post mikri lilu, flok 80 fil-mija tal-pensjoni tibda tinqatagħlu 60 fil-mija waqt li l-kumplament flok jinqatgħulhom 60 fil-mija tal-pensjoni jinqatgħulhom 40 fil-mija. Din il-miżura se tkun tapplika mhux biss għal min jidħol f’xi istituzzjoni tal-anzjani mis-sena d-dieħla ‘l quddiem imma wkoll għal min diġà qed jgħix f’tali istituzzjoni.

B’dan il-mod, tali anzjani li jirritornaw iċ-ċwievet b’mod volontarju jistgħu jiffrankaw bejn madwar €1,350 u €2,700 fis-sena li jibqgħu f’buthom, skont kemm hi l-pensjoni tagħhom.

### 3.7 Social loans biex ngħinu aktar persuni jsiru sidien ta’ darhom

Bil-għan li aktar persuni jiġu megħjuna jsiru sidien ta' darhom, l-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) diġà daħlet f'arranġament mal-APS Bank biex jingħataw *social loans* lil 100 sid prospettiv biex jiġu megħjuna jsiru sid ta' darhom. Din l-inizjattiva kienet suċċess u l-Gvern se jkompli jibni fuqha tant li se jidħol f'arranġamenti simili mal-Bank of Valletta sabiex 300 applikant ieħor ikunu jistgħu jiġu mgħejuna jixtru proprjetà u b'hekk isiru sidien ta' darhom huma wkoll.

### 3.8 Installazzjoni ta' liftijiet fi blokki tal-Gvern jew l-Awtorità tad-Djar

L-Awtorità tad-Djar tinsab viċin li bis-saħħa ta’ fondi Ewropej, twettaq proġett ta’ installar ta’ liftijiet u ta’ tisbiħ fl-oqsma tal-Bini tal-Gvern.

Dan il-proġett estensiv jikkonċerna 109 blokok ta’ appartamenti mikrijin mill-Gvern, u b’hekk se jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta’ kważi 2,350 resident, fosthom 660 anzjan u 101 persuna b’diżabilità.

L-ispiża tal-proġett meta jitlesta se tlaħħaq €16-il miljun, b'nofshom se jkunu ġejjin minn fondi Ewropej u l-kumplament minn fondi nazzjonali.

### 3.9 Riġenerazzjoni tal-Oqsma tad-Djar

Il-Gvern jagħraf il-bżonn li bosta Oqsma tad-Djar eżistenti huma fi bżonn ta' manutenzjoni u tiswijiet. Għaldaqstant, l-Awtorità tad-Djar fix-xhur li ġejjin se tkompli l-ħidma tagħha fuq programm ta' manutenzjoni jew tisbiħ, skont il-bżonnijiet ta' kull blokka partikolari.

### 3.10 Housing affordabbli - White Paper

Wasal iż-żmien li jkun hemm diskussjoni miftuħa dwar is-suq tal-kera. Ħafna drabi, min jitkellem dwar dan is-suġġett, jispiċċa jħallat il-kwistjoni tal-*housing* soċjali ma' dak tas-suq tal-kera. Dawn huma żewġ oqsma relatati, iżda differenti.

Is-suq tal-kera u l-kwistjonijiet li jiġu miegħu huma usa' minn biss *housing* soċjali. Il-persuni li jinsabu fis-suq tal-kera huma fil-maġġoranza tagħhom persuni li ma jistgħux jitqiesu bħala fil-bżonn ta' *housing* soċjali, u lanqas iridu *housing* soċjali, iżda huma persuni u familji li qegħdin isibu ma' wiċċhom fenomini ġodda għas-soċjetà tagħna.

Il-Gvern beħsiebu jippubblika *White Paper* bi proposti dwar dan il-qasam. Tajjeb nagħmluha ċara li l-għan ta' din il-*White Paper* mhux se jkun li

jerġa' jdaħħal ir-*rent control* tal-passat, iżda li joħloq qafas legali li jkun ġust kemm mas-sid kif ukoll mal-kerrej. Bl-istess mod, irridu naslu b'konsultazzjoni għal sistema li ma tkunx tgħodd biss għal-lum meta l-kirjiet qegħdin jogħlew, iżda li taħdem fiċ-ċikli ekonomiċi kollha tal-pajjiż.

F' dan kollu, nifhmu li *over regulation* twassal biex investituri u sidien ma jibqgħux interessati li jikru, u għalhekk tonqos il-provvista ta' proprjetà mis-suq tal-kera, u twassal biex jogħlew il-kirjiet. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas kważi assolut ta' regoli bażiċi li hemm bħalissa qed iwassal għal sistema inġusta.

Fost il-kunċetti li l-*White Paper* se tkun qed tesplora, biex tikkonsulta u jittieħdu deċiżjonijiet hemm:

- Reġistrazzjoni obbligatorja ta' kull kuntratt tal-kera, li fin-nuqqas tiegħu s-sid ma jkunx protett mil-liġijiet tal-pajjiż.

- Il-kuntratt ikun jirregola b'kemm tista' togħla l-kera u kif matul il-perjodu tal-kuntratt.

- Minimu ta' żmien tal-kuntratt ta' kirja li tkun waħda fattibbli u mhux qasira żżejjed. Dan filwaqt li tinżamm flessibbiltà għall-qasam turistiku u tax-*short lets.*

- *Deposit Retention Scheme* li permezz tagħha ma jibqax lok għal abbużi fejn sid il-kera jżomm depożiti minkejja li l-kerrej ikun qagħad mal-kundizzjonijiet kollha tal-kirja.

- Reviżjoni tal-liġijiet li jagħmluha aktar sempliċi u mingħajr telf ta' ħin biex sidien jieħdu passi kontra kerrejja li ma jħallsux jew jiksru regoli.

Dawn u proposti oħrajn se jkunu diskussi f'din il-*White Paper*, bil-għan li jittieħdu deċiżjonijiet wara konsultazzjoni adegwata. Nemmnu li din id-diskussjoni għandha tgħin biex tistabbilizza dan il-qasam u tgħin b'mod effettiv lill-kerrej filwaqt li tkun ġusta mas-sidien.

## 3.11 *First-Time buyers*

Aktar minn 11,300 proprjetà inbiegħet taħt l-iskema tal-*first-time buyers,* li dan il-Gvern daħħal fis-sena 2014. Din il-miżura qed tgħin koppji żgħażagħ u individwi li qegħdin jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom, u li tkun għal skop ta' residenza.

Din il-miżura, fejn ma titħallas l-ebda taxxa tal-boll fuq l-ewwel €150,000, se terġa' tkun estiża għal sena oħra.

## 3.12 Tnaqqis fit-taxxa tal-boll għal *Second-Time Buyers*

Tul il-ħajja tal-persuna, ikun hemm ċirkostanzi fejn il-familja jkollha l-ħtieġa li tbiegħ id-dar tagħha u tixtri dar oħra ikbar jew iżgħar skont iċ-ċirkostanzi, bħal per eżempju minħabba tibdil fid-daqs ta' familja, età, jew mard. F'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn persuna tkun qed tbiegħ id-dar residenzjali sabiex tixtri dar residenzjali oħra u fl-istess waqt li din il-persuna ma tkunx tippossedi proprjetà oħra, se tkun qed tingħata tnaqqis fit-taxxa tal-boll sa massimu ta' €3,000 permezz ta' *refund* li jitħallas permezz ta' ċekk.

Din il-miżura mistennija twassal għal akbar effiċjenza fl-użu tal-*housing stock* tal-pajjiż u taqdi aħjar id-domanda tas-suq tal-proprjetà.

F'dawk il-każijiet fejn ix-xerrej ikun persuna b'diżabilità, ir-*refund* tat-taxxa tal-boll li se jitħallas permezz ta' ċekk, ikun sa massimu ta' €5,000.

Ġenituri ta' familja li għandha tgħix magħha persuna b'diżabilità, jistgħu wkoll jikkwalifikaw għal din l-iskema taħt ċertu kundizzjonijet. Dawn iż-żewġ miżuri jidħlu fis-seħħ mill-għada tal-baġit.

## 3.13 Skemi ta' rifużjoni ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr

Il-Gvern irid li jkompli jinċentiva individwi jixtru proprjetà fiċ-ċentri tal-ibliet u rħula ta' pajjiżna sabiex nutilizzaw proprjetajiet vakanti u nirriġenerawhom.

Huwa għalhekk li l-iskema ta' rifużjoni fuq xogħlijiet fuq proprjetà fil-UCA (*Urban Conservation Area*) jew fuq bini ieħor skedat band'oħra fl-Ewwel u fit-Tieni Grad, se jkunu qegħdin jingħataw għajnuna ħalli jitnaqsu l-ispejjeż.

## 3.14 Proprjetà vakanti f'UCA

Biex inkomplu nnaqqsu l-bini vojt u nnaqqsu l-pressjoni għal bini ġdid, l-iskema fejn t-taxxa tal-boll tonqos bin-nofs - minn 5 fl-mija għal 2.5 fil-mija - għal dawk il-proprjetajiet li jinsabu f'*Urban Conservation Area*, se tiġi estiża b'sena oħra.

## 3.15 Inċentivi għal xiri ta' proprjetà f'Għawdex

L-inċentiv mogħti din is-sena lil xerrejja li jixtru residenza f'Għawdex, fejn dawn qegħdin iħallsu tnaqqis fir-rata ta' boll, minn ħamsa fil-mija għal tnejn fil-mija, se tiġi estiża għal sena oħra.

## 3.16 Faċilitajiet ta' *Equity Release*

Il-maġġoranza tal-pensjonanti Maltin huma sidien ta' darhom. Madankollu, ma jistgħux jużaw dan ir-riżors biex itejbu d-dħul annwali finanzjarju tagħhom u b'hekk ikunu jistgħu jgħollu l-livell ta' għejxien fi żmien meta jiġu fil-bżonn.

F'ħafna pajjiżi s-sidien tad-djar għandhom il-possibbiltà li jagħmlu użu mill-valur ta' darhom biex itejbu d-dħul tagħhom permezz ta' skemi magħrufin bħala *Equity Release Facilities*. Dawn huma skemi fejn kull sid, meta jilħaq ċerta età, per eżempju 55 sena, u dejjem jekk irid, jista' jżid l-introjtu finanzjarju biex ikun jista' jgħix ħajja aħjar billi jidħol fi ftehim ma' istituzzjoni finanzjarja li tħaddem skema ta' *Equity Release Facilities.*

Ftehim bħal dan jista' jkollu diversi forom imma bażikament jaħdem billi l-kumpanija tgħaddi lis-sidien bil-quddiem somma flus, f'pagamenti ta' kull xahar jew parti mis-somma tingħata sħiħa u l-kumplament f'pagament kull xahar.

Il-kumpanija tistabbilixxi massimu li jkun jiddependi fuq il-valur tal-proprjetà u minn dak il-limitu sid id-dar ikun jista' jiġbed flus biex jiżdiedu mal-pensjoni jew biex iħallas xi spiża straordinarja. Min-naħa tagħha l-kumpanija tirkupra l-flus li tkun għaddiet bil-quddiem flimkien mal-interessi relevanti mal-mewt tal-klijent filwaqt li l-eredi jingħataw il-bilanċ li jkun fadal.

Wasal iż-żmien li nintroduċu dawn l-iskemi għal pajjiżna biex nagħtu għażla lil pensjonanti kif jippjanaw għaż-żmien tal-irtirar tagħhom. Bħala l-ewwel pass, matul is-sena d-dieħla, se nwaqqaf *Working Group* biex jagħmel rakkommandazzjonijiet li jwasslu għal qafas regolatorju meħtieġ biex dawn l-iskemi jiġu offruti wkoll f'pajjiżna minn istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin.

### 3.17 Fidi ta' Ċnus

Se tkun qed tinfetaħ skema ta' fidi ta' ċnus li jkunu waslu biex jiskadu. Iktar 'il quddiem se jkunu qed jingħataw dettalji ta' din l-iskema.

# 4 NINDIRIZZAW L-INFRASTRUTTURA NEĊESSARJA BIEX TONQOS IL-KONĠESTJONI FIT-TOROQ

Il-Gvern jinsab determinat li jżid il-ħidma tiegħu sabiex jindirizza l-isfidi ewlenin fis-settur tat-trasport f'pajjiżna. Is-suċċess ekonomiku qed ifisser li llum f'pajjiżna għandna eluf iktar ta' ħaddiema barranin li flimkien ma' eluf akbar ta' turisti jkomplu jżidu d-domanda għat-trasport fuq it-toroq tagħna kuljum.

Fix-xhur li għaddew, il-Gvern intrabat li jinvesti bis-sħiħ sabiex intejbu l-kwalità u l-effiċjenza tat-toroq tagħna, waqt li nistabbilixxu s-sistemi meħtieġa biex din l-infrastruttura kruċjali tiġi mantnuta b'mod regolari u tibqa' tinżamm f'kundizzjoni tajba. Qegħdin nimmiraw li ntejbu t-toroq li bħalissa qed iwasslu għal konġestjoni tat-traffiku, fosthom toroq iddisinjati ħażin snin ilu, waqt li nagħtu dehra ġdida lil dawk it-toroq li llum jinsabu fi stat li ma jixraqx lil pajjiżna, fosthom bosta toroq li qatt ma ġew mibnija jew asfaltati kif meħtieġ.

Iżda ma rridux niddeludu ruħna li l-problema tat-traffiku se tissolva biss permezz ta' investiment f'toroq aħjar.

Il-problema tal-konġestjoni hi li hi għax għal ħafna snin id-dipendenza tal-popolazzjoni ta' pajjiżna fuq il-karozza privata għoliet ħafna iktar minn pajjiżi tal-istess żvilupp ta' pajjiżna, minħabba li t-trasport pubbliku tħalla jiddeterjora u għalhekk ma kienx ta' min joqgħod fuqu.

Illum il-pajjiżi l-aktar avvanzati u żviluppati qegħdin jinkoraġġixxu l-mobilità attiva permezz ta' iktar mixi, l-użu tar-rota u muturi, u l-użu tat-trasport pubbliku jew kollettiv, filwaqt li jiskoraġġixxu l-użu tal-karozza privata.

Din il-politika fil-każ ta' pajjiżna tgħin biex tnaqqas it-tniġġiż tal-arja, iżżid fl-eżerċizzju fiżiku u tnaqqas il-konġestjoni fit-toroq tagħna.

Il-politika ta' dan il-Gvern se tindirizza b'mod kompressiv din il-problema, għalkemm wieħed jifhem li din hija *issue* ta' *medium* to *long term.*

**4.1 Twaqqif ta' Aġenzija**

Sur President, diġà bdejna nippjanaw kif se nkunu qegħdin inwettqu dak li semmejna fil-Manifest Elettorali, dak li ninvestu €700 miljun fuq medda ta' seba' snin sabiex l-infrastruttura tat-toroq f'pajjiżna, tkun dik li tixraq lil pajjiż żviluppat u b'ekonomija b'saħħitha.

Dan qegħdin nagħmluh billi naraw li jkollna l-imsieħba soċjali kollha li joperaw f'dan is-settur ippreparati biex fi żmien qasir inkunu nistgħu nlestu l-proġetti li nkunu se nvaraw. Is-sena d-dieħla se jkun żmien ta' *learning curve*, sabiex mis-sena 2019 inkunu lħaqna kabbarna l-kapaċità neċessarja biex inwettqu numru sostanzjali ta' toroq kull sena.

Biex dan iseħħ, kif ħabbarna aktar kmieni din is-sena, fl-2018 se nkunu qegħdin inwaqqfu aġenzija ġdida, immirata biex tieħu ħsieb l-

infrastruttura tat-toroq u l-manutenzjoni tagħhom flimkien mal-metodu tal-kuntratti. Dan waqt li tkun iffukata fuq l-oġġettiv li titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku.

Din l-aġenzija se taħdem id f'id ma' Transport Malta sabiex tippjana, tmexxi u timplimenta l-iżvilupp u t-titjib tar-*road network* f'pajjiżna. Bħalissa qed isir l-ippjanar tal-qafas ta' din l-entità ġdida, li mistennija jkollha magħha periti, inġiniera u għadd ta' professjonisti oħrajn li jkollhom l-esperjenza meħtieġa fit-twettiq ta' proġetti kbar, sabiex ikun hemm il-kapaċità li jmexxu din il-ħidma kbira li għandna quddiemna.

**4.2 Bidu ta' tnedija tal-proġetti ta' toroq**

Matul ix-xhur li għaddew twettqu aktar minn 25 proġett, uħud sabiex intejbu l-effiċjenza ta' toroq li sikwit ikunu imblukkati bit-traffiku, u oħrajn sabiex nirranġaw toroq arterji li kellhom bżonn manutenzjoni jew bini mill-ġdid, b'mod urġenti. (ara tabella 4.1)

**Tabella 4.1**

**Xogħlijiet fuq Toroq**

Saru, u għadhom għaddejjin xogħlijiet diversi, fosthom fuq *roundabouts* ewlenin f'Ħal Lija, il-Gudja u Ħal Qormi. Nista' nsemmi wkoll it-titjib f'diversi toroq, fosthom Triq Bontadini f'Birkirkara, it-triq ta' biswit id-Domus Rumana fir-Rabat u Triq Birkirkara f'Ħ'Attard. Qegħdin inwettqu wkoll proġetti oħra ta' titjib, bħat-twessigħ ta' Triq il-Mosta bejn Ħal Lija u l-Mosta, il-bini mill-ġdid ta' Triq iċ-Ċawsli, f'Ħaż-Żabbar u l-proġett ta' titjib tal-Marsa-Ħamrun *Bypass*.

Xogħol ieħor li huwa maħsub jitwettaq huwa t-twessigħ tat-triq li mill-pont tal-Mistra tagħti sal-*junction* ta' Selmun. Il-Gvern huwa wkoll kommess li jwessa' Triq Buqana, ir-Rabat, li tinkludi wkoll il-*junction* fejn Wied il-Qliegħa, kif ukoll li jtejjeb parti sostanzjali ta' Triq l-Imdina li mill-Imrieħel tagħti lejn Ħ'Attard. B'żieda mal-proġett tal-*Marsa Multilevel Junction*, riċentement, il-Gvern ukoll qiegħed jimpenja ruħu li jagħmel *underpass* li minn Vjal Santa Luċija twassal lejn it-Triq tal-Barrani bil-għan li t-traffiku ma jeħilx madwar ir-*roundabout* ta' ħdejn Santa Luċija.

Qiegħed jitħejja pjan sabiex numru sostanzjali ta' toroq minn madwar 160 triq residenzjali jiġu wkoll indirizzati matul is-sena d-dieħla. Fuq pjan ta' xogħlijiet mifrux fuq sentejn se jkunu qed jiġu modernizzati l-mini ta' Santa Venera, Ħal Kirkop u *Regional Road* billi jsir *upgrade* maġġuri bi dwal aħjar u sistemi li jgħinu fis-sigurtà.

Proġett li għaddej b'ritmu mgħaġġel huwa l-proġett tal-Kappara fejn dan l-aħħar infetħu ż-żewġ pontijiet għat-traffiku qabel ma reġgħu fetħu l-iskejjel. Ix-xogħol fuq dan il-proġett mistenni jitlesta għall-aħħar ta' din is-sena.

### 4.3 Trasport Pubbliku

Permezz ta' proġett ieħor se nagħmluha aktar faċli biex minn mezz ta' trasport pubbliku taqleb għal wieħed ieħor. Il-postijiet minn fejn jiġi offrut is-servizz tal-*ferry* bejn il-portijiet se jiġu mkabbra u mtejba. Ninsabu impenjati wkoll li ntejbu l-aċċessibbiltà tal-*bus stops*. Maħsub li jsir investiment f'*bus shelters* ġodda biex dawn ikunu mtejba għaż-żmien tal-lum.

### 4.4 Tal-Linja Card b'xejn

Sabiex inkomplu ntejbu l-patrunaġġ tat-trasport pubbliku, din is-sena nedejna l-iskema fejn kull tfajla u ġuvni li jgħalqu it-18-il sena, bdew jingħataw sena Tal-Linja Card b'xejn.

Għas-sena d-dieħla, dawk iż-żgħażagħ li s-sena d-dieħla jkollhom l-età ta' bejn 16-il sena u l-20 sena, se jingħataw l-istess opportunità li jużaw bla ħlas it-trasport pubbliku.

Dan għandu jwassal għal għażliet aktar konxji favur l-użu tal-karozza tal-linja flok dik privata minn studenti li jkunu waslu fl-età li jagħmlu l-għażla tal-mezz tat-trasport adegwat għalihom.

## 4.5 Trasport kollettiv b'xejn lejn u mill-iskola għall-iskejjel Indipendenti u tal-Knisja

Matul is-sena d-dieħla, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, se jagħmel studju u jidħol f'diskussjonijiet ma' kull min b'xi mod hu involut fit-trasport ta' studenti minn u lejn l-iskejjel Indipendenti u tal-Knisja, sabiex jitfassal pjan ta' kif il-miżura ta' trasport b'xejn għall-istudenti minn u lejn dawn l-iskejjel, tidħol fis-seħħ mis-sena skolastika 2018/2019.

## 4.6 *Car-pooling*

Se naraw kif insaħħu l-miżura ta' Car-pooling li fil-preżent toffri preferenza fl-użu tal-bus lanes.

### 4.7 Għotja fuq xiri ta' roti, roti tal-elettriku *(pedelec bicycles)* u muturi

L-iskema fejn qed tingħata *refund* sħiħ tal-VAT (li tissarraf f'għotja ta' 15.25 fil-mija tal-prezz) fuq roti u roti elettriċi, se tiġi estiża għal sena oħra u se tkun estiża wkoll għal dawk il-kumpaniji li joffru dawn it-tip ta' *bicycles* għal kiri.

Minbarra dan, il-Gvern għall-ewwel darba se jinċentiva wkoll ix-xiri ta' muturi, *scooters* u roti assistiti b'mutur tal-elettriku għal massimu ta' €400. Fil-każ ta' roti assistiti b'mutur tal-elettriku, minbarra l-għotja ta' €400, tibqa' tiġi eżentata l-VAT.

### 4.8 Rata baxxa tal-VAT fuq kiri ta' roti

Biex ninċentivaw li iktar persuni kif ukoll turisti jużaw r-rota bħala mezz ta' trasport f'pajjiżna qegħdin inbaxxu r-rata tal-VAT fuq il-kiri tar-roti minn 18 fil-mija għal 7 fil-mija.

### 4.9 *Share the Road* maċ-ċiklisti

Se jiġi introdott kunċett ġdid għall-użu ta' rotta bbażat fuq il-kunċett *Share the Road*. Ġew identifikati żewġ kuriduri urbani, wieħed mill-Belt Valletta sa San Ġiljan u ieħor mill-Mosta sal-Università ta' Malta, f'Tal-Qroqq, bl-użu ta' toroq urbani li se jiġu mtejba biex jiffaċilitaw is-sigurtà fl-użu tar-rota u l-mixi.

Għal dan il-għan se jitwaħħlu CCTVs u se titnaqqas il-veloċità massima f'dawn it-toroq kif ukoll jiġu introdotti messaġġi elettroniċi li jagħtu prijorità liċ-ċiklist.

## 4.10 Investiment f'mezzi ta' trasport alternattiv

L-iskema li daħħalna fl-aħħar żewġ baġits fejn ingħata *grant* kemm lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lil dawk il-kumpaniji privati li jwaħħlu *bicycle racks* biex aktar persuni jitħajru jużaw ir-rota, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra.

## 4.11 Inċentivi għal xiri ta' vetturi aktar idonji għall-ambjent

Kif għamel sa mill-2014, dan il-Gvern se jkompli jieħu miżuri biex jinċentiva lil min irid jinvesti f'karozzi elettriċi u karozzi ibridi *(plug-in)* u dan kemm għal individwi, NGOs, Kunsilli Lokali kif ukoll kumpaniji kummerċjali. Biex ikompli jippromwovi din it-teknoloġija, għas-sena d-dieħla, il-Gvern se jikkonsolida l-inċentivi bħala għotjiet finanzjarji kif ukoll għall-ewwel darba se jeżenta minn kull taxxa tar-reġistrazzjoni karozzi li jaħdmu bl-elettriku, vetturi elettriċi ibridi u derevattivi simili b'awtonomija fuq il-batterija ta' mhux inqas minn 80 km.

Mis-sena d-dieħla, mhux se tinġabar il-liċenzja tat-triq għal dawn il-vetturi għal ħames snin minn meta l-vettura tkun ġiet reġistrata għat-triq. Kumpaniji kummerċjali jistgħu jibbenefikaw sa massimu ta' €200,000 jekk jikkwalifikaw skont ir-Regolamenti ta' Għajnuniet mill-Istat.

Mis-sena d-dieħla, il-Gvern se jkun qed jerġa' joħroġ inċentivi għal xiri u twaħħil ta' apparat li permezz tiegħu jiġu ċċarġjati vetturi elettriċi.

## 4.12 Skemi Oħrajn

Għal sena oħra, se jiġu estiżi l-iskemi ta' skrappjar ta' vetturi u l-għoti ta' *grant* għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol.

## 4.13 *Taxis* li jkollhom aċċessibbilità għal siġġu tar-roti

Se jkun qed jingħata *grant* sa massimu ta' €10,000 meta jinxtraw vetturi magħrufa bħala ***wheelchair accessible taxi (WAT).*** Dawn it-*taxis* jiswew aktar minn *taxis* komuni peress li jkollhom il-faċilità li jkunu aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti.

Se jiġi allokat fond ta' €100,000 għal din il-miżura.

# 5.0 NINVESTU FL-AMBJENT

L-ambjent jibqa' sfida ewlenija u l-Gvern jinsab konvint li investiment fl-ambjent se jfisser ukoll tkabbir u titjib fil-kwalità tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna.

Għaldaqstant se nwettqu riformi u investimenti sostanzjali biex dan il-qasam daqstant importanti u sensittiv jingħata l-attenzjoni li jixraqlu.

Dan il-Gvern għandu il-kredenzjali li jwettaq it-tibdiliet meħtieġa biex l-ambjent ukoll jagħmel qabża ta' kwalità 'l quddiem.

## 5.1 Separazzjoni ta' Skart

Minkejja l-isforzi kollha li saru, inkluż kampanja edukattiva biex nisseparaw l-iskart, xorta waħda il-persentaġġ ta' nies li jagħmlu dan għadu baxx ħafna.  Riżultat ta' hekk, jekk ma jsir xejn, pajjiżna se jkollu bżonn madwar 80 tomna ta' art kull għaxar snin biex jintrema l-iskart.

Ma jkunx għaqli għal dan il-Gvern li ma jagħmilx il-pass li jmiss fejn jidħol l-immaniġġjar tal-iskart biex b'hekk titnaqqas id-dipendenza tagħna fuq il-miżbliet u nsalvaw meded kbar ta' art verġni.

Kien għalhekk li fil-jiem li għaddew, il-Gvern ħabbar li se jinvesti fi proġett infrastrutturali kbir li se jiswa aktar minn €150 miljun biex mill-iskart niksbu l-enerġija. Sadattant, il-Gvern ħatar kumitat megħjun minn tekniċi internazzjonali biex jagħtu l-pariri tagħhom dwar l-aħjar teknoloġija li għandha tidħol.

Dan huwa l-mod għaqli u sensittiv li bih il-Gvern qed iħares lejn l-ambjent. Nistieden lill-Oppożizzjoni li f'mument daqshekk sensittiv u delikat għal pajjiżna, tagħżel li tipparteċipa fuq dan il-kumitat biex tagħti l-kontribut tagħha f'dan il-qasam għall-ġid tal-poplu Malti.

### 5.2 Skemi għall-ġbir ta' skart organiku u konteninturi tax-xorb

Fl-aħħar leġiżlatura nidejna proġett pilota ma' terz tal-lokalitajiet kollha Maltin biex l-iskart organiku jinġabar fil-borża l-bajda. Mis-sena li ġejja, dan l-eżerċizzju se jinfirex mal-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.

Il-Gvern se jibda wkoll diskussjonijiet mas-settur privat biex joperaw skema ta' sistema ta' depożitu fuq konteninturi tax-xorb, kemm ħġieġ kif ukoll plastik, li meta wieħed jiddepożitahom jew jirritornahom, il-konsumatur se jkun qed jirċievi *refund.*

### 5.3 Twaqqif ta' Ambjent Malta

Din is-sena qegħdin isiru preparamenti biex titwaqqaf Ambjent Malta bl-iskop li tindokra u tieħu ħsieb il-wirt naturali tagħna.

B'dan il-mod, se nkunu qegħdin niffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-immaniġġjar ta' siti Natura 2000 filwaqt li se nkunu qegħdin nagħmlu l-kampanja tagħna aktar aċċessibbli għaċ-ċittadin. Permezz ta' hekk se nkunu wkoll qegħdin nippromwovu infrastruttura ħadra għaż-żoni urbani tagħna.

Se nkunu wkoll qegħdin inżidu l-infurzar u ndaħħlu multi ogħla biex tiddaħħal iktar dixxiplina fost il-poplu Malti u naraw li jkollna pajjiż iktar nadif.

**5.4 Aktar Siġar**

Sabiex inkomplu nsebbħu l-ambjent, mis-sena d-dieħla l-Gvern se jkun qed jiżra' siġra f'isem kull tifel u tifla li jitwieldu f'pajjiżna. Dan ifisser li kull sena se jkunu qegħdin jitħawlu madwar 4,000 xitel ta' siġar.

**5.5 Enerġija u Ilma**

Il-Gvern bħalissa qed jaħdem ukoll fuq il-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2020-2030 f'konformità mal-miri tal-Unjoni Ewropea għall-2030. Il-Gvern se jibqa' jikkommetti ruħu sabiex jippromwovi l-enerġija rinovabbli u l-użu effiċjenti ta' sorsi ta' enerġija, kif ukoll jinkoraġġixxi l-konservazzjoni tal-ilma fis-settur domestiku, permezz ta' diversi skemi.

## 5.6 Enerġija

Matul dawn l-aħħar erba' snin, wettaqna progress sostanzjali fil-qasam tal-enerġija. Illum niġġeneraw l-elettriku minn sorsi aktar nodfa, b'*power station* ġdida u b'konnessjoni mal-*interconnector*. Temmejna l-użu f'pajjiżna tal-*heavy fuel oil,* u għalaqna l-*power station* l-antika tal-Marsa biex issa nistgħu nagħmlu riġenerazzjoni sħiħa tal-akkwati.

Il-Politika Nazzjonali tal-Enerġija tibqa' titmexxa fuq il-prinċipji tas-sigurtà fil-provvista, is-sostenibbiltà u l-enerġija affordabbli għal kulħadd u li tkun iġġenerata bl-iżjed mod nadif possibbli. Għalhekk, il-Gvern huwa kommess li jkompli bit-tisħiħ fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku b'rata aktar mgħaġġla u jkompli jtejjeb il-livell tas-servizz mogħti lill-konsumaturi.

Barra minn hekk, il-Gvern se jkun qed jikkummissjona ċentru ta' distribuzzjoni ġdid fir-Ricasoli biex jipprovdi l-kapaċità meħtieġa. Proġett kapitali ieħor huwa t-titjib tan-*network* ta' vultaġġ għoli li jforni l-Qasam Industrijali ta' Ħal Far, filwaqt li jwitti t-triq għal numru ta' żviluppi industrijali ġodda.

Il-Gvern se jestendi wkoll il-proġett ta' awtomatizzazzjoni ta' 11kV biex ikomplu jitnaqqsu l-frekwenza u t-tul tal-interruzzjonijiet tas-servizz lill-konsumaturi.

Il-ħidma fuq iż-żarmar u t-twaqqigħ tal-*power station* tal-Marsa, għaddej b'ritmu mgħaġġel. Barra minn hekk l-Enemalta bdiet iżżarma l-aħħar impjant tal-*heavy fuel oil* f'Delimara Power Station, peress li issa qed nilqgħu għad-domanda tal-elettriku b'taħlita effiċjenti ta' ġenerazzjoni ta' elettriku li tinkludi l-użu ta' impjanti jaħdmu bil-gass, l-*interconnector* bejn Malta u Sqallija u sorsi ta' enerġija li tiġġedded.

Is-sistemi awtomatizzati tal-immaniġġjar tal-*meters* se jkomplu jittejbu bil-għan li nissimplifikaw il-qari tal-konsum u tal-kontijiet. Matul is-sena 2018, ARMS Ltd se tkompli taħdem ukoll fuq servizz li jingħata lill-klijenti billi ttejjeb il-*Call Centre* tagħha u l-i*Smart Utilies Portal*. Barra minn hekk, ARMS se żżid il-preżenza tagħha fil-*one-stop shop* tal-Gvern (Servizz.gov) billi tibda topera f'lokalitajiet oħrajn.

Il-Gvern se jkompli jaħdem ukoll fuq l-implimentazzjoni tal-*pipeline* tal-gass bejn Malta u l-Italja. Il-*pipeline* se jgħaqqad lil Malta man-*Network* tal-Gass tal-Unjoni Ewropea, itejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali f'Malta u għandu jissostitwixxi l-*Floating Storage Unit* temporanju li qiegħed f'Delimara. Matul l-2018, il-Gvern għandu jipproċedi bl-istudji ambjentali u tekniċi, inkluż stħarriġ marittimu, dwar ir-rotta.

Il-Gvern se jkompli jimplimenta l-Pjan Nazzjonali tal-Effiċjenza fl-Enerġija. Għandhom jitniedu skemi mfasslin biex jgħinu lill-familji u lill-industrija jagħrfu kif jistgħu jagħmlu użu effiċjenti mill-enerġija u b'hekk isiru iktar

kompetittivi. Il-Gvern se jkompli jipprovdi servizz b'xejn ta' *audits* li jgħinu lill-familji jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħhom.

**5.7 Ilma**

Is-sena 2018 għandha tkompli taspira għal aktar titjib fl-infrastruttura tal-ilma eżistenti. Dan wara li ġew ikkummissjonati u ttestjati b'suċċess tliet *polishing plants* (tnejn f'Malta u wieħed f'Għawdex) biex jitrattaw l-ilma tad-drenaġġ f'livell terzjarju, biex jipproduċu 'ilma ġdid' għal użu agrikolu u industrijali. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, se testendi d-distribuzzjoni ta' dan l-ilma għal firxa aktar wiesgħa ta' klijenti. Din il-miżura se twessa' effettivament il-bażi nazzjonali tar-riżorsi tal-ilma billi tipprovdi seba' miljun metru kubu ta' 'ilma ġdid', u b'hekk se tikkontribwixxi biex jinkisbu riżultati sostenibbli tal-użu tal-ilma, parti kbira billi titnaqqas l-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art.

Wara s-suċċess fir-rigward tal-ikkummissjonar tal-ewwel *solar farm* komunali tal-enerġija solari, is-sena d-dieħla se jkun hemm l-ikkummissjonar ta' żewġ *solar farms* ġodda fuq is-soqfa ta' ġibjuni mhux użati minn *Water Services Corporation*. Dawn il-*farms* huma mistennijin li jiggarantixxu l-provvista ta' 1 megawatts ta' enerġija alternattiva annwali, kull wieħed għal perjodu ta' 25 sena.

Il-Gvern biħsiebu jkompli bl-investimenti tiegħu fit-titjib tal-impjanti tar-*reverse osmosis* (RO) bil-għan li jiggarantixxi provvista adegwata ta' ilma tajjeb għax-xorb matul iż-żmien fejn id-domanda tkun għolja, li huwa

normalment assoċjat mal-istaġun tas-sajf. Barra minn hekk, se jinbena impjant ġdid ta' desalinizzazzjoni f'Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, b'kapaċità li jipproduċi madwar 9,000 metru kubu kuljum. Dan se jelimina d-dipendenza fuq l-impjant tal-RO fiċ-Ċirkewwa u fuq il-*pipeline* taħt il-baħar li jgħaqqad iż-żewġ gżejjer.

Fl-istess ħin il-Gvern, beħsiebu jadotta strateġija aħjar marbuta mal-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. Bl-istess mod, il-Gvern għandu l-ħsieb li jirrijabilita żewġ stazzjonijiet strateġiċi ta' ppumpjar li jinsabu fil-gallariji tal-ilma f'Ta' Kandja u f'Ta' Bakkja.

Sabiex isir użu effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma, se titnieda kampanja nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma li se tkun qed tindirizza l-konsumaturi kollha u tgħinhom fl-adozzjoni ta' prattiċi effiċjenti marbutin mal-użu tal-ilma.

Biex jiġi żgurat l-użu aħjar tal-ilma ta' taħt l-art, se jkun hemm moniteraġġ teknoloġiku tas-sistemi kollha tal-akwiferu tagħna.

# 6.0 INSAĦĦU l-KOMPETITTIVITÀ

## 6.1 Nisfruttaw l-opportunitajiet li se ġġib magħha l-*Brexit*

Il-Gvern se jkun qed jaħdem b'mod attiv ħafna sabiex jisfrutta l-opportunitajiet li se jinħolqu relatati ma' *Brexit*. Għal dan il-għan twaqqaf *Working Group* li se jkun qed ifassal strateġija li tiffoka kif Malta tista' tattira, mhux biss kumpaniji li bħalissa qed joperaw mir-Renju Unit.

Fejn jidħlu servizzi finanzjarji bdejna nattiraw kumpaniji ta' assigurazzjoni biex jirrilokaw lilhom infushom f'pajjiżna. Eżempju ta' dan hija l-kumpanija Starr. Qegħdin nistudjaw kif noħolqu strutturi li jattiraw kumpaniji, b'mod partikolari attivi fl-industrija tal-avjazzjoni u dik marittima.

Is-settur tas-servizzi finanzjarji se jkompli jikber billi jifrex fl-oqsma tal-ekonomija diġitali, *payment services* u istituzzjonijiet li joperaw fi transazzjonijiet ta' flus elettroniċi.

## 6.2 Strateġija għat-teknoloġija tal-*Blockchain*

Sur President, il-Gvern kommess li jagħmel lil Malta ċentru ta' eċċellenza fit-teknoloġija tal-*Blockchain*. Nemmnu li l-użu ta' din it-teknoloġija jista' jiftaħ swieq ġodda għal Malta u jkun mutur ewlieni għall-ekonomija

tagħna. Fil-ġimgħat li għaddew twaqqfet *Taskforce* li se tkun qed tevalwa proposti għall-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali tal-*Blockchain.* Fix-xhur li ġejjin se nkunu qegħdin ninvestu fi *Blockchain Lab* ġewwa l-MITA. Se jkun qed jiġi varat ukoll programm ta' taħrig għall-impjegati fiċ-ċivil biex jibdew jifhmu l-użu ta' din t-teknoloġija.

Il-Gvern se jkun ukoll qed iniedi *web-portal* li sservi bħala mezz ta' komunikazzjoni ma' dawk kollha interessati fi *blockchain* u *cryptocurrencies.*

Il-Gvern se jkompli wkoll jgħin *startups* li jaħdmu fuq din t-teknoloġija u jipprovdi s-sapport meħtieġ. Għalhekk, se jkun qed jitwaqqaf *Blockchain Hub.*

### 6.3 Sostennibbilità fis-settur tal-*gaming*

Is-sena d-dieħla se jiddaħħal qafas regolatorju ġdid li se jipprovdi inċentivi għal tkabbir tas-settur tal-*gaming* b'mod li se jżid l-valur miżjud filwaqt li jkun hemm tisħiħ ta' salvagwardji għal logħob b'responsabbiltà.

Il-proġett jinvolvi liġi ġdida li se tintroduċi l-kunċett tal-*VAT Grouping* għas-setturi regolati tas-servizzi finanzjarji u tal-*gaming*. Permezz ta' dan il-kunċett, entitajiet li huma legalment indipendenti, li għandhom stabbiliment fiss f'Malta, u li għandhom rabtiet finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi bejniethom, jistgħu jirreġistraw bħala persuna

taxxabbli waħda. B'riżultat ta' dan, il-provvisti u akkwisti bejn il-membri tal-grupp se jiġu kkunsidrati barra mill-ambitu tal-VAT.

**6.4 Turiżmu**

Is-sena 2017 mistennija tkun sena oħra rekord għall-industrija tat-Turiżmu u għas-sena d-dieħla, in-numru ta' turisti għas-sena d-dieħla mistenni jkompli jikber, grazzi għar-rotot ġodda li se jiftħu.

Ikun inutli li nattiraw aktar turisti lejn pajjiżna jekk ma ntejbux il-prodott u l-esperjenza kollha. Għal dan l-iskop, is-sena d-dieħla, hemm ħafna aktar proġetti ppjanati. L-MTA se tkun qed tidentifika wkoll żoni oħrajn tradizzjonalment mhux turistiċi sabiex jiġu abbozzati wkoll pjani ta' riġenerazzjoni għalihom.

Fl-aħħar erba' snin kien irreġistrat numru rekord ta' passiġġieri li żaru Malta bil-*cruiseliners*. Dan ir-rekord mistenni jinżamm għal din is-sena wkoll. Dan hu settur li rridu nkomplu nisfruttawh. Konxji tal-impatt li n-numru dejjem jikber ta' passiġġieri jista' qed ikollu fuq l-infrastruttura, abbażi ta' studji li qegħdin isiru se tkun qed tittieħed azzjoni biex fost l-oħrajn titjieb is-sitwazzjoni tat-traffiku, l-aċċessibilità, jiżdiedu s-sinjali ta' direzzjoni u parkeġġ, u kif ukoll titjieb l-*upkeep* ġenerali taż-żona tal-*Waterfront*.

Fl-isfond ta' dan kollu, il-linja tal-ajru nazzjonali Air Malta tibqa' pilastru ewlieni importanti għall-ekonomija Maltija. Dan il-Gvern jibqa' kommess li bħalma rristruttura u salva l-Enemalta, issa jġib ukoll il-linja tal-ajru tagħna fuq saqajha.

Se nwaqqfu entità ġdida li tkun responsabbli mill-istudju, immaniġġjar, protezzjoni u preservazzjoni tal-wirt kulturali ta' taħt l-ibħra tagħna.

**6.5 Is-settur tal-Manifattura**

Is-settur tal-manifattura, liema settur għadu jikkontribwixxi għal madwar ħdax fil-mija tal-impjegati *full-time*, kien ukoll kontributur għat-tkabbir ekonomiku li rreġistra pajjiżna.

Bl-inċentivi li nediet il-Malta Enterprise, 14-il proġett b'investiment barrani; għaxar proġetti ta' espansjoni ta' fabbriki eżistenti u 55 proġett imressqin minn imprendituri Maltin, ġew approvati. Dawn il-proġetti, meta jkunu lesti, se jkunu qegħdin joħolqu madwar 1,500 impjieg ġdid fuq medda ta' snin. L-investiment fil-manifattura se jlaħħaq madwar €200 miljun.

Kompliet il-ħidma biex inżidu l-kompetittività ta' pajjiżna. B'mod kontinwu l-Malta Enterprise tfittex li ttejjeb l-inċentivi li huma diġà eżistenti u li toħloq oħrajn ġodda li jindirizzaw il-bżonnijiet preżenti tal-kumpaniji.

Il-Korporazzjoni kompliet taħdem fuq inizjattivi ġodda f'setturi innovattivi bħal dawk tad-*disruptive technologies* u *data management*, *green projects,* teknoloġiji industrijali ġodda, riċerka u fis-settur tal-*life sciences.*

Twaqqfet u bdiet bil-ħidma tagħha l-*Malta UK Business Promotion Task Force* li l-membri tagħha ġejjin minn diversi oqsma tan-negozju.

Fl-istess ħin għaddejja ħidma kontinwa mal-Ministeru għall-Edukazzjoni sabiex isir taħriġ speċjalizzat għall-industriji bħalma huma s-setturi tal-avjazzjoni, stampar avvanzat u *nursing.*

Wara li twaqqaf iċ-ċentru tal-*Business First* huwa mistenni li numru ta' servizzi se jitniedu favur in-negozju.

Fix-xhur li ġejjin mistenni jitwettaq tibdil fiż-żewġ skemi tal-*MicroInvest* u l-*BusinessStart.* Fir-rigward tal-*MicroInvest,* se ngħollu l-valur tal-assistenza minn €30,000 għal €50,000 għal dawk l-intrapriżi bbażati Malta, filwaqt li għan-negozji bbażati f'Għawdex din l-għajnuna se tiżdied għal €70,000. Meta n-negozju jkollu maġġoranza ta' ishma f'isem in-nisa u fil-każ nisa li huma *self-employed,* l-inċentiv mistenni jitla' wkoll għal €70,000. Din l-iskema issa mistennija tinfetaħ ukoll għal negozji li jimpjegaw mhux aktar minn 50 ħaddiem *full-time.*

## 6.6 Tisħiħ tas-Settur Farmaċewtiku

Fis-settur farmaċewtiku, il-Gvern ħa diversi miżuri biex irawwem attività ekonomika li wasslet biex ikun hemm żieda ta' 25 fil-mija fin-numru ta' operaturi farmaċewtiċi reġistrati mal-Awtorità tal-Mediċini u wkoll numru rekord ta' prodotti farmaċewtiċi reġistrati f'Malta. Malta qed tieħu rwol attiv biex issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fir-Reġistru Ewropew tal-attivitajiet farmaċewtiċi.

It-Taqsima għar-Riċerka, Affarijiet Xjentifiċi u Innovazzjoni fi ħdan l-Awtorità, se tkun qed tniedi numru ta' inizjattivi ta' taħriġ, immirati biex itejbu l-kompetenza tal-industrija fix-xjenza regolatorja u sigurtà tal-mediċina.

L-Awtorità, permezz tat-Taqsima tal-*Medicines Intelligence and Access Unit*, se tkun qed taħdem bi djalogu mal-industrija, biex tnaqqas il-prezzijiet tal-prodotti mediċinali b'risq il-konsumatur. Ir-riżultati diġà jinħassu meta wieħed jara r-roħs f'171 prodott f'dawn l-aħħar erba' snin.

Fl-istess ħin, il-*Malta Laboratories Network* qed taħdem biex tiżgura livell għoli ta' servizz, biex ma jkunx hemm duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' tagħmir u wkoll li tikseb l-ogħla kontribuzzjoni mix-xjentisti kollha. In-*Network* se tniedi programm ta' taħriġ għal-laboratorji kollha biex ikun hemm *better return* għall-investiment f'dan is-settur.

### 6.7 Programm ta’ Ċittadinanza b’Investiment

Wara s-suċċess tal-Programm ta’ Ċittadinanza b’Investiment, il-Gvern se jkun qiegħed iġedded l-istess Programm sabiex nattiraw aktar investiment lejn xtutna u li għandu jwassal għal dħul addizzjonali akbar.

Fl-istess waqt, daħħalna l-Att taċ-Ċittadinanza bil-Mertu li permezz tiegħu se nkunu qegħdin nirrikonoxxu talenti u mħuħ straordinarji li taw, jew potenzjalment jistgħu jagħtu, servizz t’eċċezzjoni lil pajjiżna fl-oqsma tar-riċerka, ix-xjenza, l-isports, l-arti u l-kultura bl-ogħla għotja taċ-ċittadinanza Maltija.

### 6.8 Inkomplu ninvestu f’Għawdex

Mill-2012 ’l hawn, l-ammont ta’ residenti Għawdxin li jaħdmu *full-time* żdied b’2,106. Il-parti l-kbira ta’ din iż-żieda kienet f’postijiet tax-xogħol f’Għawdex stess. Fl-aħħar erba’ snin, l-ammont ta’ impjiegi *full-time* f’Għawdex żdied b’1,481.

Din hi l-aqwa konferma li l-Gvern qed iwettaq il-wegħda li joħloq xogħol f’Għawdex għall-Għawdxin.

Se nagħtu iktar inċentivi biex jinħolqu impjiegi ġodda mas-settur privat f’Għawdex billi għal kull impjegat li jiġi offrut kuntratt ta’ tliet snin jew iżjed, tingħata rifużjoni ta’ 30% tal-paga medja ta’ impjegat sa massimu ta’ €6,000.

Se nkunu qegħdin nallokaw fondi biex tinħoloq skema speċifika biex imprendituri Għawdxin li joperaw fis-settur tat-turiżmu, itejbu l-livell tal-istabbilimenti turistiċi.

Se jkunu inkoraġġiti inizjattivi kulturali ġodda biex jippromwovu *festivals* tematiċi f'Għawdex. Din l-inizjattiva se tkun qed tgħin biex tistimula niċċa turistika oħra permezz ta' produzzjonijiet artistiċi.

Biex inkomplu nattiraw aktar investiment u xogħol lejn Għawdex, li jkun ifisser aktar xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin, se jkun qed jingħata bidu għall-proġett tal-*hub* għar-riċerka u l-ICT fil-binjiet eżistenti tal-eks MDP u proġetti li jwasslu biex ikun hemm aktar spazji ta' uffiċini fiż-żona industrijali tax-Xewkija.

Proġetti kapitali li kienu diġà nbdew fil-leġiżlatura li għaddiet, bħat-taraġ ta' San Franġisk u d-Dar tal-Anzjani, għaddejjin bil-proċess tas-sejħiet tal-offerti biex dawn il-proġetti jiġu ffinalizzati.

Fost il-proġetti ġodda għas-sena d-dieħla, wieħed irid isemmi il-*farm* sperimentali fejn se jkun hemm faċilitajiet ġodda għall-bdiewa u għas-sajjieda, ir-riorganizzazzjoni tal-*Yacht Marina* biex inżidu l-faċilitajiet; u r-restawr tal-Fanal tal-Ġordan u amenitajiet anċillari oħrajn biex inpoġġu lil Għawdex fuq il-mappa tat-turiżmu relatat mal-fanali.

Qed isir xogħol ukoll fuq it-tfassil ta' *masterplans* għat-tisbiħ ħolistiku tax-Xlendi u Marsalforn.

Se jkompli t-tisħiħ tas-servizz ta’ trasport lejn u minn Għawdex. Se jingħata bidu għat-tqegħid tat-tieni *fibre optic* bejn iż-żewġ gżejjer.

Bħalma se jkun qed isir f’ Malta, l-infrastruttura tat-toroq f’Għawdex se jkunu inklużi f’dan il-programm estensiv.

Rigward il-proġett tal-mina bejn Malta u Għawdex, nirrapporta li għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet sismiċi fil-kanal bejn il-gżejjer. Ir-riżultati ta' dawn l-investigazzjonijiet se jintużaw biex tinkiseb informazzjoni dwar il-ġeoloġija taħt qiegħ il-baħar, b'mod partikolari l-fond tas-saffi varji tal-blat. Dawn l-investigazzjonijiet qed jitkomplew sabiex ikun jista’ jiġi stabbilit mudell ġeoloġiku taż-żona taħt investigazzjoni, li se tifforma l-bażi għad-disinn tal-mina.

**6.9 Inkomplu naħdmu biex tonqos il-burokrazija**

Ekonomija robusta bħal tagħna għandha l-isfidi tagħha u detrimenti bħalma huma n-nuqqas ta’ ħaddiema u ċertu ħiliet f’setturi partikolari, kif ukoll, id-dewmien u l-ispejjeż żejda biex tiftaħ negozji fi xtutna, kollha jxekklu tkabbir akbar. B’hekk is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-burokrazija żejda huma tragwardi importanti fis-sostenn tar-ritmu ekonomiku ta’ pajjiżna.

Għalkemm wieħed irid jirrikonoxxi li sar progress sostanzjali, qegħdin inkunu ambizzjużi aktar u qegħdin nimmiraw li nnaqqsu l-burokrazija bi 30% oħra sal-aħħar ta’ din il-leġiżlatura.

### 6.10 *Offset* ta' ħlasijiet tal-pagamenti

Mis-sena d-dieħla, se nibdew nimplimentaw, fejn hu possibbli, sistema ta' *offset* bejn ħlasijiet li kumpanija jkollha tieħu mingħand il-Gvern ma' ħlasijiet li kumpanija jkollha tagħti lill-Gvern.

Din il-miżura se tkun qed tgħin biex jitjieb il-*cash flow* ta' dawk il-kumpaniji li jagħtu xi forma ta' servizz jew prodott lill-Gvern.

Wieħed jifhem li jista' jkun hemm ostakoli legali u amministrattivi fejn dan mhux dejjem jista' jsir.

### 6.11 Formoli tas-Sigurtà Soċjali u *VAT Returns On-Line*

Il-faċilità li kumpaniji u azjendi li jħaddmu 30 ħaddiem u aktar li jissottomettu il-formoli tas-Sigurtà Soċjali u l-*VAT Returns on-line,* se tkun estiża għal dawk il-kumpaniji u azjendi li jħaddmu 10 ħaddiema u aktar.

'Il fuq minn 36,000 azjenda oħra se jkunu qegħdin jibbenefikaw minn din il-faċilità.

### 6.12 Titkompla r-Riforma fil-Qrati

It-twaqqif riċenti tad-Dipartiment tal-Ġustizzja, għamilha possibbli li din tkun tista' tipproċessa x-xogħol para-legali u servizzi oħrajn, taddotta

proċessi simplifikati, li wasslu għal sistema ġudizzjarja aktar effiċjenti, trasparenti u wkoll kontabbli.

Fid-Dipartiment tal-Ġustizzja ġew ingaġġati esperti tal-qorti ġodda minn oqsma varji biex tiffaċilita l-każijiet pendenti.

Matul is-sena d-dieħla, id-Dipartiment tal-Ġustizzja se jsostni l-impenn li jassisti l-Ġudikatura, l-Amministrazzjoni tal-Qorti u l-Ministeru, billi jipprovdi statistika aġġornata u wkoll analiżi ta' *'data'*, biex jassigura fehma aktar strateġika tal-livelli tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja.

L-investiment fl-Aġenzija tal-Għajnuna Legali se jkompli bil-għan li din toffri l-aqwa servizzi lil dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà tagħna, b'mod partikolari dawk il-każijiet relatati mal-Qorti tal-Familja tal-Qorti Ċivili u wkoll każijiet relatati mal-kriminalità.

### 6.13 Riforma fil-LESA

Minn meta bdiet topera l-*Local Enforcement Service Agency* (LESA), kellha rwol ta' Regolatur fuq l-Infurzar Lokali. F'dan il-perjodu, wara li ngħata taħriġ lill-gwardjani lokali, ġiet introdotta s-sistema tal-*warning tickets* (twissija) fuq sitt reati , fejn iċ-ċittadin qed jiġi mwissi biex jirregola ruħu mal-liġi qabel jingħata iċ-ċitazzjoni. L-infurzar tal-ħarsien tal-ambjent ġie wkoll responsabilità tal-gwardjani lokali.

Il-LESA qed tagħmel ukoll kampanja edukattiva li qed tingħata wkoll lill-istudenti sabiex jidħol is-sens ta' dixxiplina u osservanza tar-regolamenti minn età żgħira.

Bħalma twiegħed fil-Programm Elettorali se titwaqqaf kumpanija tal-Gvern li tkun qed tinkorpora l-gwardjani lokali kollha. L-aspett edukattiv se jkun parti importanti minn din il-bidla, flimkien ma' aktar infurzar ġust.

## 6.14 Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż

It-tisħiħ tas-sigurtà huwa prijorità għal dan il-Gvern. Barra mill-aspett tas-sigurtà, li għaliha hemm il-Korp tal-Pulizija biex jintervjeni għad-difiża taċ-ċittadin, il-Gvern se jkompli jassigura lill-poplu li f'każ ta' diżastru naturali jew traġedji oħra ta' portata nazzjonali, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, li huwa responsabbli sabiex jintervjeni f'każijiet ta' kriżi, ikun attrezzat biżżejjed biex jipproteġi liċ-ċittadin.

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili se jkompli jsaħħaħ il-flotta tiegħu bix-xiri ta' vetturi tat-tifi tan-nar li jinkludu vetturi għal *high rise buildings* sabiex jilqa' għall-isfidi ġodda fl-industrija tal-kostruzzjoni. Se jinbeda l-bini tal-istazzjon tat-tifi tan-nar f'Santa Venera.

Hemm proġettat l-immodernizzar tal-vetturi tal-Pulizija, investiment fit-teknoloġija tal-informatika, bini ta' għassa ġdida, titjib fl-infrastruttura tas-sezzjonijiet tal-forensika u tas-*cyber crime* kif ukoll titkompla l-manutenzjoni tal-għases.

Il-Forzi Armati ta' Malta se jkomplu jissaħħu permezz ta' xiri ta' armamenti u apparat ieħor għall-*iSpecial Operations Unit,* tiswijiet fuq il-*patrol boat* P62 u jitkompla l-bini ta' lanċa ġdida għall-FAM.

## 6.15 Faċilitajiet korrettivi aktar umani

Jinbeda x-xogħol sabiex l-istrateġija nazzjonali dwar il-kriminalità tiġi implimentata biex tassigura li l-istrateġija li tqarreb lill-vittma tal-kriminalità u l-aggressur tissaħħaħ mid-dipartiment li qed jippilotaha.

Għandu jitkompla l-programm ta' riabilitazzjoni tal-priġunieri b'enfasi fuq taħriġ akkademiku u taħriġ extra-kurrikulari sabiex il-priġunier joħroġ mill-Faċilità Korrettiva preparat biex jiffaċċja r-realtajiet tas-soċjetà. Se jitwaqqaf tim multi dixxiplinarju sabiex tingħata attenzjoni psikoloġika, soċjali, edukattiva u finanzjarja ħalli l-priġunier joħroġ preparat sew wara li jkun skonta s-sentenza. Se jsiru laqgħat ma' azjendi privati bit-tir li priġunier jintegra ruħu fid-dinja tax-xogħol malli joħroġ mill-Faċilità biex b'hekk jakkwista l-indipendenza finanzjarja u jibda jibni ħajtu mill-ġdid.

Se jitkompla l-investiment fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin b'rinovar ta' żewġ Diviżjonijiet, installar ta' *scanning machines*, bini ta' kċina ġdida u kwartieri ġodda għal professjonisti li jagħtu s-servizz tagħhom fil-Faċilità. Titlesta s-sistema ta' sigurtà li tinkorpora fiha għadd konsiderevoli ta' *CCTV cameras.*

# 7.0 GĦAL ĦAJJA AĦJAR

## 7.1 Insaħħu l-edukazzjoni għal uliedna

Sur President, dan il-Gvern jemmen bis-sħiħ li l-edukazzjoni mhix biss iċ-ċavetta ewlenija tal-mobilità soċjali għal kull individwu iżda hija wkoll is-sinsla tal-progress tagħna bħala pajjiż. Għalhekk sejrin inkomplu nsaħħu dan is-settur sabiex uliedna jkollhom l-aqwa edukazzjoni possibbli. Għax uliedna hekk jixirqilhom. Għax pajjiżna hekk għandu bżonn.

## 7.2 Inkomplu ninvestu fl-għalliema

Il-Gvern determinat li jkompli jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u joffri aktar opportunitajiet lill-gradi tal-għalliema. Għalhekk, il-Gvern jinsab impenjat li flimkien mal-*Malta Union of Teachers* (MUT) ikun maqbul Ftehim Settorali ġdid li minnu jibbenefikaw l-għalliema.

## 7.3 L-Edukazzjoni u x-Xogħol

Is-sena d-dieħla se nwaqqfu Bord Nazzjonali tal-Edukazzjoni Obbligatorja li jkollu funzjoni konsultattiva u li jiġbor fih rappreżentanza tal-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, tal-*Malta Union of Teachers,* tal-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema, tal-ġenituri, u tal-industrija.

Dan se jwassal biex issir ħidma ħalli skejjel sekondarji u istituzzjonijiet edukattivi, bħall-Università ta' Malta, l-MCAST u istituzzjonijiet oħra li joffru tagħlim għal studenti wara sittax -il sena, jidħlu f'*partnerships* mal-industrija biex it-tagħlim ikun estiż mill-klassi tradizzjonali u biex il-post tax-xogħol isir ukoll post tat-tagħlim inkluż għall-impjegati.

### 7.4 Edukazzjoni Inklussiva

Sur President, se naraw li nkomplu ntejbu s-servizzi li studenti li għandhom bżonn is-sapport u l-assistenza fit-tagħlim tagħhom. Se nkunu qegħdin nintroduċu proġett pilota li permezz tiegħu noffru servizzi ġodda fil-qasam tal-awtiżmu.

Se naraw li l-ambjent tal-iskejjel ikun idoneju għall-istudenti li għandhom il-kundizzjonijiet tal-awtiżmu biex huma jibdew iħossuhom aktar komdi u siguri meta jkunu fl-iskola.

Il-*Learning Support Assistants,* l-għalliema u l-istaff, jingħataw taħriġ fis-servizzi psiko-soċjali sabiex ikunu mħejjijin għar-realtajiet tal-iskejjel.

Se jkun hemm aktar Kulleġġi tal-Istat li se jiġu mgħammra b'*multi-sensory rooms.*

## 7.5 Eżamijiet bla ħlas

Sur President, is-sena d-dieħla dan il-Gvern se jkun qiegħed iwettaq waħda mill-miżuri ewlenin ta' din il-leġiżlatura l-ġdida. Il-ħlasijiet għall-eżamijiet tas-SEC u l-MATSEC se jibdew ikunu ta' inqas piż fuq l-applikanti billi parti mill-ispiża ta' dawn l-eżamijiet se jibda jassorbiha l-Gvern.

Kull min matul is-sena d-dieħla, ikun qed japplika biex iktar tard joqgħod għall-eżamijiet tas-SEC u tal-MATSEC, se jkun qed iħallas nofs il-ħlasijiet dovuti għal dawn l-eżamijiet.

B'din il-miżura se nkunu qegħdin innaqqsu ħafna mill-ostakoli li seta' kien hemm li xi student ma jagħmilx dawn l-eżamijiet minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-familja li eventwalment twassal li student ikun tneħħietlu l-opportunità li jkompli javvanza fil-ħiliet tiegħu biex ikollu futur aħjar.

Il-miżati tal-eżamijiet tas-SEC u tal-MATSEC se jitneħħew għal kollox is-sena ta' wara biex b'hekk inkunu wettaqna wegħda oħra.

## 7.6 Erba' skejjel ġodda

Il-Gvern se jkompli bil-programm tiegħu ta' bini ta' skejjel ġodda u tisbiħ f'dawk eżistenti. Is-sena d-dieħla se nkunu qegħdin ninawguraw skola primarja ġdida f'Wied il-Għajn u jkompli x-xogħol fuq l-iskejjel ġodda tal-Qawra, tal-Imsida u tar-Rabat f'Għawdex.

Dawn l-iskejjel se jinkludu faċilitajiet ġodda bħal *multi-purpose halls, childcare centres,* u *airconditioning system,* fost l-oħrajn.

### 7.7 Suġġetti vokazzjonali u applikati

Bħala parti mit-tiġdid fl-iskejjel, se nkunu qegħdin ninvestu sostanzjalment fit-tagħlim ta' aktar suġġetti vokazzjonali u applikati fl-iskejjel sekondarji.

Permezz ta' *'My Journey: Achieving through different paths'* se nkunu qegħdin ninvestu f'laboratorji u f'*workshops* ġodda għal tal-anqas disa' suġġetti vokazzjonali u applikati. Fl-istess ħin, qegħdin naraw li r-riżors uman ikun imħarreġ. Dan se nagħmluh b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, mal-Istitut għall-Edukazzjoni, mal-MCAST u mal-Università Finlandiża Haaga Helia University of Applied Science.

### 7.8 Servizzi ġodda fl-iskejjel

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni se jkun qed isaħħaħ is-servizzi anċillari fl-iskejjel. Dan se jagħmlu billi jkompli jsaħħaħ u jifrex is-servizz tat-tindif u tal-ospitalità fl-iskejjel.

Se naraw li nistandardizzaw servizzi mogħtijin mill-iskejjel tal-Istat biex ikunu evitati prattiċi differenti tal-istess servizz. B'hekk, il-ġenituri u l-istudenti Maltin jibbenefikaw mill-istess proċeduri għall-istess servizzi, irrispettivament minn liema skola toffrih.

### 7.9 Teknoloġija fl-edukazzjoni

Il-Gvern se jkompli jifrex l-inizjattiva ta' *One Tablet Per Child* billi f'din is-sena skolastika se jkollna t-tfal kollha tar-Raba' u l-Ħames sena fl-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti jibbenefikaw minn din l-inizjattiva.

Malta hija l-ewwel pajjiż li se jagħmel użu mill-*blockchain* fl-edukazzjoni. Din is-sena se nkunu qegħdin nagħmlu użu minn din it-teknoloġija biex noffru aktar sigurtà u aċċessibbiltà għaċ-ċertifikati li jinħarġu mill-MCAST, l-NCFHE u l-ITS.

### 7.10 Apprendistat

Se nkomplu nistudjaw kif se ngħinu aktar lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jtejbu l-prospetti tal-impjieg tagħhom. Dan se nagħmluh billi nkomplu ngħinu biex l-istudenti, kemm jista' jkun ikollhom esperjenza fl-apprendistat u fl-istess ħin ikun hemm skema ta' ħlas addizzjonali waqt il-perjodu tal-apprendistat.

## 7.11 Inħeġġu aktar individwi jkomplu b'kors *post-graduate*

Sur President, filwaqt li se nkomplu bi programmi ta' boroż ta' studju, dawk il-persuni li ma jkunux għalqu l-40 sena, u jiddeċiedu li jagħmlu kors *post-graduate* li hu ekwivalenti għall-livell ta' MQF 7 u MQF 8, jiġifieri fil-livell ta' *Masters* u Ph.D., dawn ma jħallsux income tax sa' massimu ta' sentejn wara li jispiċċaw il-kors.

Is-sistema taħdem kif ġej. L-ewwel nett, il-kors ma jridx ikun jifforma parti mill-kurrikulum tal-professjoni li l-individwu jkollu bżonn sabiex jeżerċita dik il professjoni.

Għal min iġib *Masters* jew MQF 7, tingħata sena, filwaqt li għal min iġib Ph.D. jew MQF 8, jingħataw sentejn eżenzjoni tal-income tax fuq dħul sa massimu ta' €60,000, permezz ta' *tax credits* sakemm jibqgħu jew jibdew jaħdmu għal mill-inqas tliet snin f'pajjiżna.

Il-benefiċċju sħiħ se jingħata lil min jagħmel il-kors *full time* filwaqt li min jagħmlu *part-time* jingħata benefiċċji *pro-rata.*

Il-benefiċċju se jibda jgħodd għal dawk li jibdew il-kors tagħhom minn din is-sena akkademika 2017/2018 'il quddiem.

Individwi li jkunu gawdew minn xi skema relatata ma' studju, bħal pereżempju *get qualified*, ma jkunux eliġibbli għal din l-iskema.

## 7.12 Servizz Klabb 3-16

Se nkunu qegħdin naraw li niftħu aktar ċentri li joffru s-servizz tal-Klabb 3-16. Waqt li b' din l-estensjoni tas-servizz se nkunu qegħdin nilħqu aktar tfal li jesperjenzaw dan il-mezz ta' edukazzjoni u rikreattività, inkunu qegħdin ninċentivaw iktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

## 7.13 Iż-Żgħażagħ

Se tissokta l-ħidma favur iż-żgħażagħ billi jissaħħaħ is-sapport u l-assistenza offrut lilhom f'postijiet ta' divertiment bħalma hi l-Belt Valletta.

Se nkomplu naħdmu favur it-tisħiħ tal-ħiliet fost iż-żgħażagħ permezz tal-iskema *'Get Into'.* Din il-ħidma, li se tikkumplimenta l-*Prince's Trust XL Programme,* se toffrilhom opportunità li jiksbu esperjenza fuq il-post tax-xogħol waqt li jkomplu jitħarrġu, u tkompli ssaħħilhom l-impjegaBbilità tagħhom.

## 7.14 Is-Saħħa u l-Kura Primarja

Sur President, ninsab konvint li l-poplu Malti u Għawdxi apprezza mhux ftit il-passi l-kbar li għamilna fil-qasam tas-saħħa.

Il-Gvern huwa konvint li ċ-ċavetta għal servizz tas-saħħa aċċessibbli, sostenibbli u ta' kwalità tinsab fil-qasam tal-Kura Primarja. Għal din ir-raġuni matul is-sena 2018 dan il-qasam se jkompli jingħata prijorità

b'investiment f'żewġ Ċentri tas-Saħħa ġodda, wieħed f'Ħal Kirkop u l-ieħor f'Raħal Ġdid, li se jservi ta' Ċentru Reġjonali.

Ix-xogħol fuq iċ-Ċentru ta' Ħal Kirkop se jibda matul dan ix-xahar filwaqt li diġà għaddej b'pass mgħaġġel il-proċess inizjali tal-proġett ta' Raħal Ġdid. Is-sena li ġejja wkoll se jkompli, u jiġi intensifikat, ix-xogħol ta' *refurbishing* f'Ċentri tas-Saħħa eżistenti bi prijorità jkun iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira li kien tħalla fi stat ħażin.

### 7.15 Mediċini, trattamenti u prevenzjoni

Wara li fil-leġiżlatura li għaddiet daħħalna erba' mediċini ġodda għall-kura kontra l-kanċer, il-Gvern se jibda ħidma biex tinħoloq *National Cancer Research Foundation* bil-ħsieb li ninċentivaw ir-riċerka li tista' tgħin fil-ġlieda kontra l-kanċer f'Malta.

Sadattant, se tkompli l-ħidma fuq il-Pjan Nazzjonali tal-Kanċer b'investiment fil-prevenzjoni, partikolarment b'kampanji Innovattivi li jiffukaw fuq l-istil ta' ħajja li ngħixu u li għandu jgħin fit-tnaqqis tal-inċidenza ta' tipi ta' kanċer partikolari.

Matul is-sena 2018 il-Gvern se jkun qiegħed jinvesti aktar fil-ġlieda kontra d-dijabete, partikolarment bl-estensjoni tal-programm tal-*glucose monitoring sticks* u l-aċċess għall-*analogue insulins.*

Se nkunu qegħdin naġġornaw it-trattament tal-HIV filwaqt li invaraw ukoll programm tat-trattament tal-Epatite Ċ li għandu jwassal għal tnaqqis u kontroll sostanzjali ta' din il-marda f'pajjiżna fil-ħames snin li ġejjin.

Il-Gvern se jinvesti wkoll f'aktar tilqim billi fis-sena li ġejja tkun introdotta t-tilqima kontra l-*pneumococcus* fil-Programm Nazzjonali tat-Tilqim. Tilqima li se tnaqqas ħafna infezzjonijiet serji fit-tfal taħt il-ħames snin, fosthom il-meninġite u anke infezzjonijiet fid-demm.

Wara li ddaħħal mezz ta' *screening* ġdid li se jintuża fuq trabi ġodda biex ċertu mard jinqabad fi stadju bikri l-Gvern se jkompli b'dan il-programm. Il-Gvern huwa impenjat li jkompli jaħdem favur it-tfal li għandhom il-kundizzjoni tal-awtiżmu.

## 7.16 Estensjoni tas-servizz tal-IVF

Wara li permezz tas-servizz tal-IVF b'xejn diversi familji gawdew mit-twelid ta' wlied tant mistennija, l-impenn favur il-ħajja se jkompli. It-twessigħ u l-estensjoni ta' dan is-servizz se jkunu sostnuti b'tisħiħ fil-liġi li tkun tirrifletti aħjar l-avvanzi teknoloġiċi sabiex aktar koppji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-opportunità.

## 7.17 Inizjattivi koperti mill-ftehim bejn il-Gvern u l-*Vitals Global Healthcare*

Filwaqt li, bħal fil-każ ta' Malta, is-servizz tas-saħħa f'Għawdex se jibqa' bla ħlas, permezz tal-inizjattivi koperti mill-ftehim bejn il-Gvern u l-*Vitals Global Healthcare* se jsir investiment fi sptar ġdid, *state of the art,* bi 350 sodda, li mhux biss se jkun l-ikbar sptar li qatt kellu Għawdex iżda se joffri l-aqwa servizzi tas-saħħa b'xejn lill-Għawdxin kollha. Permezz t'hekk se jonqos il-bżonn li pazjenti Għawdxin ikollhom jaqsmu lejn Malta għall-kura.

Hemm ukoll maħsub investiment f'Ċentru tas-Saħħa Primarju ġdid u fi proġett ta' Ċentru għar-Riċerka Medika. L-investiment fl-Iskola Medika ta' Barts mistenni jattira madwar 300 student lejn Għawdex, bil-potenzjal ta' dħul ta' madwar erba' miljun ewro fl-ekonomija Għawdxija.

Il-ftehim għall-investiment fl-Isptar San Luqa se jissarraf f'bini ta' sptar ġdid għar-riabilitazzjoni kif ukoll ċentru tal-*orthopaedics* u *prosthetics* u ieħor ġdid għad-dermatoloġija. Bl-istess mod, l-Isptar Karen Grech se jinbidel f'ċentru modern għall-ġerjatrija, li se jkun l-ewwel tat-tip tiegħu f'pajjiżna.

## 7.18 Bini ta' *Out-Patients Block* u parkeġġ f'Mater Dei

Permezz ta' programm ta' investiment fi sptarijiet u ċentri speċjalizzati ġodda, se nkunu qegħdin inkomplu nwessgħu l-firxa u l-kwalità tas-servizzi mogħtijin lill-pazjenti tagħna.

Se jitkompla l-proċess biex l-Isptar Mater Dei jkollu *Out-Patients Block* ġdid li permezz tiegħu jiżdied in-numru ta' kliniċi fejn l-ispeċjalisti jkunu jistgħu jaraw aktar pazjenti.

Se jinbdew il-preparamenti għal parkeġġ ieħor f'Mater Dei. Parkeġġ maħsub li jsir taħt l-art biex iservi għall-ħtiġijiet tal-pazjenti, viżitaturi u *staff* tal-isptar.

Fiż-żewġ proġetti, hu maħsub l-involviment ta' *Private Public Partnership*.

## 7.19 Aktar investiment fl-i*Sport*

Se nwaqqfu Kummissjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi bl-iskop li jkunu mgħejuna Għaqdiet sportivi biex jinvestu u jikkummerċjalizzaw il-faċilitajiet tagħhom u jgawdu minn dan, finanzjarjament, filwaqt li tħares biex ma jkunx hemm abbużi.

Se nkunu qegħdin nibnu *shooting range* ġdida li tkun lesta biex tintuża għall-kampjonat internazzjonali li se tospita Malta s-sena d-dieħla.
Se nibdew ukoll l-ewwel fażi għall-*indoor swimming pool* fil-Kottonera. Se nasfaltaw ukoll it-triq tal-Imtaħleb li tintuża għat-tlielaq tal-karozzi.

Se nkunu qegħdin nagħmlu wkoll *ground* tal-football u pixxina ġodda f' Wied il-Għajn.

## 7.20 Kultura

Fil-qasam tal-kultura, il-Kunsill Malti għall-Arti (ACM) se jkompli jmexxi l-investiment tal-Gvern fit-tkabbir tas-setturi tal-kultura u l-kreattività. Qed ikun żgurat li Valletta 2018 toħroġ bl-unuri u b'suċċess bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Id-Direttorat tal-Avvenimenti u *Festivals* tal-ACM qed jara li jtejjeb u jżid il-kontenut artistiku tal-*festivals* li jtella', filwaqt li jara li dawn ikunu wkoll disponibbli għall-Fondazzjoni biex ikunu inklużi fil-programm kulturali tagħha.

## 7.21 Inkomplu nindirizzaw l-Imigrazzjoni Irregolari

Il-Gvern se jkompli jwassal il-messaġġ tiegħu f'fora internazzjonali u dawk Ewropej fejn tidħol l-imigrazzjoni. Irridu nkomplu nassiguraw li jitwaqqfu l-influssi ta' imigranti irregolari u jitwaqqaf it-traffikar tal-bniedem u dan permezz ta' politika ta' persważjoni bbażata fuq it-tħaddim ta' leġiżlazzjonijiet Ewropej u l-kunċett ta' solidarjetà u *burden sharing*.

## 7.22 Drittijiet Umani u Integrazzjoni

Wara sensiela ta' laqgħat inter-ministerjali u mas-soċjetà ċivili, il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, tul l-2018 biħsiebu jistabbilixxi l-ewwel strateġija u pjan ta' azzjoni għall-integrazzjoni tal-imigranti li jgħixu f' pajjiżna. Dan sabiex l-imigranti ma jibqgħux jiġu emarġinati u gradwalment jintegraw ruħhom fis-soċjetà Maltija.

## 7.23 Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika

Is-sena 2018 se tkun waħda li tibqa' mniżżla għall-avvanzi fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-vjolenza domestika. Id f'id mal-liġi li se tgħaddi mill-Parlament u li se tagħti lill-Kummissjoni iktar saħħa filwaqt li twessa' r-*remit* tagħha.

Dan filwaqt li se tiġi approvata strateġija dwar il-vjolenza kontra n-nisa u vjolenza abbażi tal-ġeneru.

B'hekk il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika se tingħata ċ-ċavetta biex issaħħaħ ħidmitha u tkompli taħdem id f'id ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u b'hekk jitjieb is-servizz li jingħataw persuni li jkunu għaddejjin minn problemi ta' vjolenza domestika.

## 7.24 Titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol

Wara bosta laqgħat li saru mal-imsieħba soċjali dwar it-tibdil fil-liġijiet tax-xogħol ta' pajjiżna, nemmnu li wasal iż-żmien li dawn il-liġijiet, li jaffettwaw il-maġġoranza assoluta tal-popolazzjoni, ikunu jirriflettu l-ħtiġijiet tas-soċjetà tal-lum u l-istil tal-ħajja li l-familji Maltin qegħdin jgħixu. Id-diskussjonijiet li saru, se jsarrfu fi proposti li se jkunu preżentati għad-diskussjoni fil-Parlament biex jidħlu fis-seħħ tul is-sena d-dieħla.

## 7.25 Aktar Riformi

Sur President, dan huwa Gvern riformista li ngħata mandat ċar mill-poplu biex iwettaq numru ta' riformi importanti taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru.

Matul is-sena d-dieħla, se jibdew konsultazzjonijiet fuq riformi li jridu jidħlu, fejn fost l-oħrajn hemm ir-riforma dwar l-użu tal-kannabis għal raġunijiet mediċi, id-dibattitu fuq it-traffikar uman, ir-riforma Parlamentari, kwoti tan-nisa; u possibbiltà ta' estensjoni tal-Vot 16 fl-Elezzjonijiet Ġenerali u dawk tal-Parlament Ewropew.

## 7.26 Il-Qasam tal-Volontarjat

Is-sena d-dieħla se nkunu qegħdin nippubblikaw strateġija nazzjonali għall-qasam tal-volontarjat u niftħu konsultazzjoni mal-għaqdiet volontarji. Se nintroduċu taħriġ fl-amministrazzjoni ta' għaqdiet volontarji u fl-immaniġġjar tal-voluntiera.

## 7.27 Djalogu Soċjali

Id-Djalogu Soċjali hu prijorità għal dan il-Gvern u biex il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) ikun mgħammar u attrezzat biex jilqa` għall-isfidi, jagħraf l-opportunitajiet quddiemu, il-Gvern qiegħed jinvesti €100,000 addizzjonali mal-investimenti li saru fis-snin ta' qabel.

Fejn tidħol l-Aġenzija MEUSAC, il-Gvern se jżid ukoll l-investiment tiegħu b'mod sostanzjali biex id-djalogu soċjali fil-pajjiż jissaħħaħ f'din l-Aġenzija.

## 8.0 GĦELUQ

Sur President,

Bis-saħħa ta' deċiżjonijiet li ttieħdu fl-ewwel erba' snin, illum m'għandniex għalfejn inħarsu lura biex insewwu l-problemi tal-passat.

Id-deċiżjonijiet li ħadna u l-miżuri kuraġġużi li daħħalna tul il-leġiżlatura li għaddiet biex f'pajjiżna jkun hawn ix-xogħol u b'hekk tikber l-ekonomija taw il-frott. Inħossuna kburin li llum f'pajjiżna għandna sitwazzjoni fejn ix-xogħol qiegħed jiġri wara l-ħaddiema u mhux il-ħaddiema jiġru wara x-xogħol.

Ir-riformi progressivi li wettaqna fis-sistema tal-benefiċċji soċjali fissru li filwaqt li attakkajna l-abbużi, irnexxielhom igawdu l-eluf li ħarġu mid-dipendenza fuq l-assistenza soċjali. Gawdew ukoll it-*taxpayers* għax irnexxielhom jiffrankaw il-miljuni fi spiża rikurrenti. Għall-ewwel darba f'ġenerazzjoni għollejna l-pensjonijiet b'aktar miż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

Dan kollu wassal biex naqas il-faqar b'mod reali, żdiedu l-pagi u naqas ix-xogħol prekarju u n-nies qegħdin jgħixu ħajja aħjar.

Filwaqt li mhux se nieqfu niffukaw fuq il-progress għall-familji, pensjonanti u negozji biex il-ġid li qed jinħoloq ikompli jasal għand kulħadd, minn dan il-Baġit qegħdin nitfgħu ħarsitna iktar fit-tul u naraw

x'inhuma l-isfidi ġodda li l-progress u l-ġid joħolqu. Effetti fuq is-suq tal-proprjetà, fuq il-konġestjoni fit-toroq, iż-żieda fl-iskart u sfidi għall-ambjent.

Pajjiżna llum fil-bidu ta' din il-leġiżlatura huwa ferm aħjar milli sibnieh fl-2013.

Hu għalhekk li dan il-Baġit mhu qed jipproponi l-ebda żieda fit-taxxi. U hu għalhekk ukoll li l-Gvern huwa fiduċjuż li jista' jilqa' għall-isfidi b'kunfidenza.

Jifhem li s-soluzzjonijiet mhumiex ta' baġit wieħed. Iżda rridu li nibdew nieħdu d-deċiżjonijiet, iebsa kemm huma iebsa, illum qabel għada. Dan biex inkunu fuq quddiem fl-Ewropa.

Hu għalhekk li dan il-Gvern qed jgħid lill-poplu Malti u Għawdxi.

**Malta - Inlestu għall-futur**.

*STATEMENT* A

**DĦUL 2017 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| **SORS** | | **ESTIMU APPROVAT €** | **ESTIMU RIVEDUT €** | **BIDLA + €** | **BIDLA - €** | **RIMARKI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 1,316,350,000 | 1,433,000,000 | 116,650,000 | - | B'riżultat ta' żieda fl-infurzar u mit-tkabbir ekonomiku, mistenni dħul aktar sa l-aħħar tas-sena. |
| | Sigurta` Soċjali | 841,000,000 | 862,000,000 | 21,000,000 | - | Dħul akbar taħt il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali minn dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit, huwa ukoll riżultat ta' żieda fl-impjiegi. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 307,000,000 | 305,430,000 | - | 1,570,000 | Dħul akbar mistenni jimmaterjalizza minħabba aktar attivita' taħt *Petroleum* u *Non-Alcoholic Beverages,* filwaqt li huwa stmat anqas dħul taħt *Import Duty* u *Excise on cigarettes* u fuq spirti. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 303,124,000 | 321,468,000 | 18,344,000 | - | Dħul akbar minn dak oriġinarjament previst mistenni mit-taxxa fuq dokumenti u t-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi. Madanakollu inqas dħul huwa mistenni taħt *Gaming Taxes* u l-*Annual Circulation Licence Fee.* |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 774,830,000 | 775,000,000 | 170,000 | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | | **3,542,304,000** | **3,696,898,000** | **154,594,000** | | |

***STATEMENT A***

**DĦUL 2017 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| **SORS** | **ESTIMU APPROVAT €** | **ESTIMU RIVEDUT €** | **BIDLA + €** | **BIDLA - €** | **RIMARKI** |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 53,740,500 | 88,617,500 | 34,877,000 | - | Iż-żidiet ta' dħul fuq dak previst huma mistennija mill-*Individual Investor Programme* u r-*Residency and Visa Programme.* |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 33,887,000 | 46,094,100 | 12,207,100 | - | Id-differenza ta' dħul mill-istima oriġinali hija dovuta għal dħul akbar fuq *Infrastructure Fees* miġbura mill-Awtorita' tal-Ippjanar. |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 50,000,000 | 50,000,000 | - | - | |
| Kera | 33,140,000 | 33,170,000 | 30,000 | - | |
| Profitti minn Investimenti | 47,800,000 | 47,800,000 | - | - | |

***STATEMENT* A**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | DĦUL 2017 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT | | | |
| Interessi fuq self mogħti mill-Gvern | 2,201,146 | 2,201,146 | - | - | |
| Għotjiet Barranin | 91,933,000 | 81,000,000 | - | 10,933,000 | Id-differenza fid-dħul għal din is-sena huwa riżultat taż-żmien meħtieġ sakemm issir iċ-ċertifikazzjoni u jiġu rimburzati il-fondi mill-Unjoni Ewropeja. |
| Dħul Mixxellanju | 32,597,000 | 27,735,000 | - | 4,862,000 | Dħul anqas minn dak oriġinarjament previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit mistenni minn Bejgħ ta' Artijiet tal-Gvern u *Concession Fees.* |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **345,298,646** | **376,617,746** | **31,319,100** | | |
| **DĦUL TOTALI** | **3,887,602,646** | **4,073,515,746** | **185,913,100** | | |

***STATEMENT* A**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL 2017 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT** | | | | | |
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 600,000,000 | 500,000,000 | - | 100,000,000 | In-nuqqas minn dak previst taħt din il-kategorija huwa riżultat tal-ammont attwali ta' self meħtieġ. |
| Ħlas lura ta' self mogħti mill-Gvern | 2,000 | 2,000 | - | - | |
| Dħul Straordinarju | 889,000 | 889,000 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **600,891,000** | **500,891,000** | | **100,000,000** | |
| **DĦUL GLOBALI** | **4,488,493,646** | **4,574,406,746** | **85,913,100** | | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 4,345,000 | 5,328,000 | 983,000 | - | Hija meħtieġa żieda fl-*Operational and Maintenance Expenses,* primarjament fit-*Travelling* u *Training.* |
| 2 Kamra tad-Deputati | 10,034,000 | 7,539,000 | - | 2,495,000 | Huwa mistenni li tnaqqis se jseħħ primarjament fir-*Rent* minħabba iż-żmien meħtieġ għall-*handover* tal-bini tal-Parlament il-ġdid. |
| 3 Uffiċċju tal-*Ombudsman* | 1,100,000 | 1,200,000 | 100,000 | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 3,150,000 | 3,150,000 | - | - | |
| 5 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 34,357,000 | 37,172,000 | 2,815,000 | - | Meħtieġa żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament *State Visits* u *Dues to Malta Investment plc* ). |
| 6 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 653,000 | 653,000 | - | - | |
| 7 Informazzjoni | 1,246,000 | 1,246,000 | - | - | |
| 8 Stamperija tal-Gvern | 1,393,000 | 1,399,000 | 6,000 | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 Uffiċċju Elettorali | 2,267,000 | 7,992,000 | 5,725,000 | - | L-ispiża kienet aktar mill-istima oriġinali minħabba l-Elezzjonijiet Ġenerali li saru f'Ġunju ta' din is-sena. |
| 10 Enerġija u Proġetti | 70,463,000 | 74,240,000 | 3,777,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , (primarjament fil-*Pagi u Salarji),* kif ukoll fil-kategorija *Programmes and Initiatives* (fil-E*nergy Efficiency Support* u *European Gas Network Distribution* ) kif ukoll żieda fl-ispejjeż taħt il-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (primarjament taħt il-*Projects Malta Ltd* u *Projects Plus* .) |
| 11 Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali | 44,989,000 | 46,889,000 | 1,900,000 | - | Hija antiċipata żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament *Heads of Government Events)* , kif ukoll mill-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (*National Development and Social Fund* ). |
| 12 Ministeru għall-Affarijiet Barranin | 32,728,000 | 32,728,000 | - | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | 268,222,000 | 271,666,000 | 3,444,000 | - | Tnaqqis huwa mistenni fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , primarjament fil-*Pagi u Salarji* . Hija mistennija żieda fl-ispiża taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (primarjament fil-*Professional Services* ) kif ukoll taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament *Learning Support Assistants in Private Schools* , *Assistance to Mariam Albatool School* u *Childcare for All,* kif ukoll żieda fl-ispejjeż taħt il-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (primarjament taħt il-*Foundation For Educational Services)* . |
| 14 Edukazzjoni | 225,241,000 | 225,269,000 | 28,000 | - | |
| 15 Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura | 96,077,000 | 94,406,000 | - | 1,671,000 | Tnaqqis huwa mistenni fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , primarjament fil-*Pagi u Salarji* u *Allowances* . Dan it-tnaqqis sa jikkompensa parti miż-żieda taħt l-i*Scrappage Scheme* mill-kategorija *tal-Programmes and Initiatives.* |
| 16 Ministeru għal Għawdex | 30,903,000 | 30,694,000 | - | 209,000 | Tnaqqis huwa mistenni fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , primarjament fil-*Pagi u Salarji.* |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 17 Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili | 14,087,000 | 14,059,000 | - | 28,000 | |
| 18 Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 1,585,000 | 1,590,000 | 5,000 | - | |
| 19 Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar | 18,867,000 | 19,904,000 | 1,037,000 | - | Hija mistennija żieda fl-ispejjeż taħt il-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (primarjament taħt il-*Malta Residence and Visa Programme Agency* . |
| 20 Kummerċ | 2,072,000 | 1,936,000 | - | 136,000 | |
| 21 Ministeru għall-Finanzi | 152,603,000 | 141,192,000 | - | 11,411,000 | Tnaqqis taħt il-kategorija *Programmes and Initiatives,* taħt *EU Own Resources* li għamlet tajjeb għal parti miż-żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament *Compensation Payments* ). |
| 22 It-Teżor | 13,643,000 | 14,943,000 | 1,300,000 | - | |
| 23 Ħlasijiet fuq Self | 646,957,000 | 643,388,000 | - | 3,569,000 | L-infiq mistenni fuq *Bills tat-Teżor* u *Stocks tal-Gvern* huwa rifless f'din l-istima riveduta. |
| 24 Taxxi Interni | 8,381,000 | 8,557,000 | 176,000 | - | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 25 V.A.T. | 6,225,000 | 8,225,000 | 2,000,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament taħt *Refunds under VAT/CET Acts* ). |
| 26 Dwana | 11,514,000 | 11,009,000 | - | 505,000 | Tnaqqis huwa mistenni fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , primarjament fil-*Pagi u Salarji* minħabba li mhux antiċipat li jsir l-ingaġġ ippjanat sa tmiem is-sena. |
| 27 Kuntratti | 1,716,000 | 1,570,000 | - | 146,000 | |
| 28 Politika Ekonomika | 1,384,000 | 1,471,000 | 87,000 | - | |
| 29 Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 69,228,000 | 72,045,000 | 2,817,000 | - | Hija antiċipata żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament *Support-Independent Community Living)* , kif ukoll mill-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (*Housing Authority* ). |
| 30 Politika Soċjali | 288,009,000 | 295,509,000 | 7,500,000 | - | Żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* , bħala *State Contribution* li tirrifletti iż-żieda fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali matul is-sena 2017. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 31 Benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali | 927,730,000 | 940,730,000 | 13,000,000 | - | Mistenni tnaqqis taħt il-kategorija Benefiċċji Kontributorji primarjament *Invalidity Pensions* u *Short Term Bonus* kif ukoll tnaqqis ieħor mill-benefiċċji mhux kontributorji primarjament *Children's Allowance* u *Social Assistance* . Huwa antiċipat li se jkun hemm żieda aktar fir-*Retirement Pensions, Bonus* u *Widows Pensions* taħt il-*Benefiċċji Kontributorji* . |
| 32 Pensjonijiet | 93,193,000 | 102,418,000 | 9,225,000 | - | Hija antiċipata żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament taħt *Pensions, Allowances and Gratuities* u *taħt Allowances under Act XVII of 1966 (Members of Parliament Retiring Allowances Act, 1966)* u *Pensions under Act XXVI, 1979).* |
| 33 *Standards* fil-Ħarsien Soċjali | 1,322,000 | 1,212,000 | - | 110,000 | |
| 34 Anzjani u Kura fil-Komunita' | 97,839,000 | 102,020,000 | 4,181,000 | - | Hija meħtieġa żieda fin-nefqa taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Contractual Services* ), kif ukoll taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament *HomeCare/Help Services Scheme* ). |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Ministeru għall-Ġustizzja , Kultura u Gvern Lokali | 41,685,000 | 42,345,000 | 660,000 | - | Hija meħtieġa żieda fl-allokazzjoni taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Contractual Services* ), kif ukoll taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament *Arts and Culture Events* ). |
| 36 | Servizz Ġudizzjarju | 14,089,000 | 16,532,000 | 2,443,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , (primarjament fil-*Pagi u Salarji),* kif ukoll fil-kategorija *Programmes and Initiatives* (primarjament taħt il-*Summoning and Expenses of Witnesses, Jurors and Experts in Criminal Court Trials* ). |
| 37 | Gvern Lokali | 42,492,000 | 42,500,000 | 8,000 | - | |
| 38 | Ministeru għat-Turiżmu | 65,919,000 | 66,654,000 | 735,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments,* primarjament fil-*Pagi u Salarji* u *Allowances* u taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives,* primarjament fuq *Professional Services.* |
| 39 | Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali | 13,654,000 | 14,223,000 | 569,000 | - | Hija antiċipata żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (*Agency for Welfare of Asylum Seekers* ). |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | Forzi Armati ta' Malta | 49,559,000 | 51,439,000 | 1,880,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments,* primarjament fl-*Allowances* u *Operational and Maintenance Expenses (Repair and Upkeep* u *Contractual Services).* |
| 41 | Pulizija | 58,951,000 | 61,259,000 | 2,308,000 | - | |
| 42 | Servizzi Korrettivi | 11,738,000 | 12,038,000 | 300,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments,* primarjament *Overtime.* |
| 43 | *Probation* u *Parole* | 1,128,000 | 1,128,000 | - | - | |
| 44 | Protezzjoni Ċivili | 5,866,000 | 5,819,000 | - | 47,000 | |
| 45 | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima | 62,011,000 | 68,428,000 | 6,417,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (primarjament fl-*Allowances*), kif ukoll fil-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (taħt l-*Agriculture Support Scheme* u *Solid Waste Management Strategy)* . |
| 46 | Ministeru għall-Kompetittivita' u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi | 18,812,000 | 18,787,000 | - | 25,000 | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 47 Ministeru għas-Saħħa | 516,898,000 | 534,789,000 | 17,891,000 | - | Hija mistennija żieda fl-ispiża taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (primarjament fil-*Professional Services* u *Contractual Services*) kif ukoll taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament *Specialised Treatment by Foreign Experts of Patients Locally and Abroad, Medicines and Surgical Materials, Compensation Payments and Hospital Concession Agreement - Gozo General Hospital* u taħt *Hospital Concession Agreement - Karen Grech Rehabilitation Hospital*). |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **4,086,325,000** | **4,159,290,000** | **72,965,000** | - | |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Uffiċċju tal-President | 172,000 | 1,123,000 | 951,000 | - | Mistennija nefqa akbar fuq ir-restawr ta' ħitan li jdawwru l-Palazz u xogħlijiet fl-Uffiċċju tal-President. |
| II | Kamra tad-Deputati | 254,000 | 254,000 | - | - | |
| III | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 21,394,000 | 24,141,000 | 2,747,000 | - | Mistennija nefqa akbar primarjament minħabba l-*ICT, EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2009-2014* u xogħlijiet ta' riġenerazzjoni fuq il-proġett ta' Marsaxlokk. Nefqa anqas hija mistennija fuq xogħlijiet fl-*IAID.* |
| IV | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali | 38,038,000 | 39,689,000 | 1,651,000 | - | Mistennija nefqa akbar l-iktar fuq l-*ICT* u l-*EU Internal Security Fund - Police* . |
| V | Ministeru għall-Affarijiet Barranin | 1,366,000 | 1,416,000 | 50,000 | - | |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VI | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | 42,297,000 | 49,205,000 | 6,908,000 | - | Mistennija nefqa aktar mill-istima primarjament taħt l-*ICT,* xogħlijiet fuq faċilitajiet sportivi li jinkludu l-proġetti tar-*Range* tal-isparar, it-telgħa tal-Imtaħleb sabiex tkun tista' tintuza għall-avvenimenti tal-*motorsport* u dawk f'Birżebbuġia, faċilitajiet tal-futbol f'Għawdex u t-Teknoloġija tal-Informatika fl-iskejjel. Parti mill-ispiża addizzjonali mistennija tkun ikkumpensata min-nefqa anqas, primarjament taħt *ENIAC – Industrial Project Lab4 MEMS* u l-grawnd tal-futbol ta' Marsascala. |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VII | Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura | 58,360,000 | 61,263,000 | 2,903,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt dan il-Vot primarjament taħt il-Fondi Strutturali 2007-2013 (infiq mhux eliġibbli għall-proġett MODUS), il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013 (infiq mhux eliġibbli taħt il-proġetti TEN-T (it-Toroq tal-Marfa u tas-Salini) u għat-taffija tal-għargħar, *EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2009-2014*, il-Fond ta' Koeżjoni 2014-2020, it-toroq u r-restawr tal-Funtana tat-Tritoni. Din l-ispiża addizzjonali mistennija tkun ikkumpensata min-nefqa anqas partikolarment taħt *Connecting Europe Facility*, il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, ir-Rilokazzjoni tad-Dipartimenti tax-Xogħlijiet u d-*Deep Water Quay*. |
| VIII | Ministeru għal Għawdex | 9,241,000 | 9,398,000 | 157,000 | - | L-ispiża mistennija tkun akbar minħabba nfiq mhux eliġibbli taħt il-proġett taċ-Ċittadella taħt il-Fond Strutturali 2007-2013 u l-European Territorial Cooperation Programmes 2014-2020. L-infiq fuq l-Eko-Għawdex, il-baga ġdida 'l barra mix-Xlendi u l-proġett tal-Qorti, mistenni jkun anqas. |
| IX | Ministeru għad-Djologu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili | 2,637,000 | 3,164,000 | 527,000 | - | Mistennija nefqa aktar mill-istima fuq il-proġett tal-Pjazza ta' Raħal Ġdid. |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| X | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar | 25,384,000 | 35,564,000 | 10,180,000 | - | L-ispiża taħt dan il-Vot mistennija tkun aktar milli kien maħsub minħabba fondi addizzjonali meħtieġa taħt id-*Direct Managed Funds* u l-Inċentivi għall-Investiment li huma taħt ir-responsabbilta tal-*Malta Enterprise.* |
| XI | Ministeru għall-Finanzi | 65,546,000 | 63,900,000 | - | 1,646,000 | Nefqa akbar mistennija taħt l-*ICT,* xogħlijiet u tagħmir (Dwana) u l-*Hercule III Programme 2014-2020.* L-ispiża taħt dan il-Vot mistennija tkun anqas primarjament minħabba l-*ICT Corporate Projects u l-Public Finance Management System.* |
| XII | Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 6,575,000 | 8,319,000 | 1,744,000 | - | Hija mistennija nefqa aktar mill-istima taħt iċ-Ċentru Ġdid fil-Komunita u titjib fil-bini u tagħmir fir-Residenza ta' San Vinċenz de Paule. Nefqa anqas mistennija l-aktar taħt titjib fil-bini tal-Ministeru. |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XIII | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | 20,920,000 | 22,652,000 | 1,732,000 | - | Mistennija nefqa aktar mill-istima taħt l-*ICT, EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2009-200*4, ir-restawr tal-faċċati u xogħlijiet oħra fid-Dar tal-Ammiraljat sabiex jintuża bħala uffiċini għall-Avukat Ġenerali, il-proġett tal-*Malta International Contemporary Art Space (MiCAS),* titjib fil-Mużewijiet u xogħlijiet ta' restawr, u proġetti kapital tal-Kunsilli Lokali. Nefqa anqas mistennija l-aktar taħt il-proġetti tal-*Jesuits Church and Collegium Restoration Project*, *MUZA - National Community Art Museum* u *Design Cluster*. |
| XIV | Ministeru għat-Turiżmu | 6,705,000 | 6,718,000 | 13,000 | - | |
| XV | Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali | 17,756,000 | 16,748,000 | - | 1,008,000 | L-ispiża mistennija tkun akbar primarjament taħt l-*ICT, EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2009-2014* u d-*Direct Management Fund.* Din iż-żieda mistennija tkun ikkumpensata b'nefqa anqas taħt id-Dipartimenti tas-Servizzi Korrettivi u tal-Protezzjoni Ċivili. |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2017: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XVI | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima | 44,607,000 | 30,450,000 | - | 14,157,000 | Filwaqt li mistennija nefqa akbar primarjament taħt l-*ICT, EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2009-2014, Life+ Programme* u *d-Direct Management Fund* , in-nefqa taħt dan il-Vot mistennija tkun anqas fuq l-*European Maritime and Fisheries Fund 2014-2020* u l-*European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020* . |
| XVII | Ministeru għall-Kompetittivita' u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi | 15,132,000 | 15,213,000 | 81,000 | - | |
| XVIII | Ministeru għas-Saħħa | 18,143,000 | 18,957,000 | 814,000 | - | Spiża akbar mistennija taħt id-*Direct Management Fund* u l-Isptar Mater Dei. Mistennija nefqa anqas l-aktar taħt l-*Infectious Diseases Unit.* |
| | **TOTAL NEFQA KAPITALI** | **394,527,000** | **408,174,000** | **13,647,000** | **-** | |